# Ir-Rapport Annwali 2022

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Ir-Rapport Annwali
# 2022

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2023 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776
*ktieb.org.mt*

Stampat: L-Istamperija tal-Gvern

Disinn: Gabriel Bajada - Moose

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN:
978-9918-9561-0-4: Rapport Annwali 2022 (Malti, verżjoni mitbugħa)
978-9918-9561-1-1: Rapport Annwali 2022 (Malti, ebook)

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jiġi msellef, jingħata bħala donazzjoni jew jiġi riprodott f'xi parti minnu. Ma jistax jiġi riprodott f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ f'kull tip ta' forma jew b'kull mod ieħor jekk qabel ma jintalabx il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Werrej*


Il-Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv *5*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *8*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *12*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *16*

Ix-Xogħol fuq Barra u l-Esportazzjoni Letterarja *18*

Il-Produzzjonijiet Awdjoviżivi *22*

Il-Konkorsi Letterarji *24*

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus *26*

Inizjattivi Oħra *28*

Il-Rapport Finazjarju *34*

L-ISBN u l-ISMN *36*

Il-Ħlas tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku *82*

# *Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti għall-awturi u l-pubblikaturi. Dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Il-KNK jirrappreżenta lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex jitmexxew 'il quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; ivara diversi konkorsi letterarji; u huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-KNK hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo,
Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776
Malta (UE)

*Telefown*
+356 2713 1574 | 2730 0672

## **L-istaff u d-dettalji tagħhom**

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Direttur Eżekuttiv*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Eżekuttiv tal-Kontijiet u l-Finanzi*
Natalija Ninkovikj
accounts@ktieb.org.mt

*Manager Anzjan*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Managers*
Andrew Ricca
Daniela Said
andrew.ricca@ktieb.org.mt
daniela.said@gov.mt

*Manager (Uffiċjal tal-ISBNs)*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Organizzatur Kulturali*
Jean Paul Borg
jeanpaul.borg@ktieb.org.mt

*Membri tal-Kunsill*
Mark Vella, Daniela Attard Bezzina, Maria Brown, Aleks Farrugia, Joseph Mizzi, John Portelli, Matthew Borg (Segretarju tal-Bord).

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Il-Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv*



*Il-Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri



Għaddiet sena oħra, u magħha gerrbu tnax-il xahar ta' ħidma kontinwa u bla waqfien biex nibqgħu mexjin 'il quddiem f'sena partikolari mimlija sfidi. Kienet l-ewwel sena sħiħa li fiha l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien taħt it-treġija tiegħi, għaldaqstant stajna nibdew bl-ewwel passi tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tal-amministrazzjoni l-ġdida.

Ħafna xogħol mit-tim ċkejken tal-KNK isir minn wara l-kwinti u bla daqq ta' trombi, u jinkludi t-twaqqif tal-istrateġija u l-implimentazzjoni ta' kull aspett tagħha, kif ukoll il-loġistika u l-ippjanar ta' kull avveniment, fond jew konkors li huma fil-mandat tal-Kunsill. Kull xahar ikollna xi ħaġa għaddejja u x-xogħol ma jonqosx!

Wara l-pandemija, li biddlitilna ħajjitna ta' taħt fuq, id-dinja sabet ma' wiċċha gwerra fl-Ukrajna. Dan kellu impatt devastanti u effett mill-aktar negattiv fuq l-industrija tal-pubblikazzjoni: mill-prezz tal-karta għall-produzzjoni tal-ktieb u finalment anke fuq l-ammont ta' bejgħ ta' kotba fi żmien meta f'qagħda ekonomika partikolari bħal din, il-bniedem jasal ikollu prijoritajiet oħra. Fuq dan il-qasam il-Kunsill qed jaħdem mill-qrib mal-Ministeru sabiex il-pubblikaturi jingħataw l-għajnuna meħtieġa li tgħinhom iżommu fil-wiċċ.

Madankollu dan ma fissirx li qgħadna b'idejna fuq żaqqna, inkella qtajna qalbna. Dan anzi wassal biex it-tim ixammar aktar il-kmiem u jirdoppja l-isforzi tiegħu ħalli jkompli jgħolli l-isem tal-ktieb Malti f'kull sfera possibli, f'pajjiżna u barra minn xtutna.

Il-KNK ħadem qatigħ billi indirizza kwistjonijiet pendenti, appoġġja lill-awturi u l-pubblikaturi waqt li kkampanja għalihom, u ssalvagwardja l-interessi tagħhom f'politiki fuq livell statali. Kif stabbilit fl-Avviż Legali li jirregola l-ħidma tal-KNK, nhar it-22 ta' Jannar 2022 inżammet il-laqgħa annwali ta' konsultazzjoni pubblika b'mod virtwali mal-awturi, pubblikaturi u kull imsieħeb ieħor interessat fl-industrija. Matulha ġew diskussi diversi temi kif ukoll imħabbra diversi bidliet marbuta mal-Fond Malti tal-Ktieb, il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u anke l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, partikolarment iċ-ċaqliq fid-dati tagħhom u l-fatt li se tibda ssir ċerimonja waħda għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka, biex jikber il-prestiġju ta' dan tal-aħħar. Ġie kkomunikat li ċ-ċaqliq fid-dati għandu l-ħsieb li jagħti lir-rebbieħa ta' dawn il-premjijiet aktar viżibbiltà waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, kif ukoll jgħin lill-industrija tikkapitalizza aħjar mill-bejgħ tal-Milied. Matul is-sena nżammu diversi laqgħat informali ma' pubblikaturi u esebituri. U fis-sena li ġejja se nkomplu b'dawn il-laqgħat ħalli nkomplu nisimgħu u nikkonsultaw sabiex dejjem nimxu 'l quddiem u nilħqu l-miri tagħna.

L-ebda entità ma tista' tkun gżira maqtugħa għaliha fi żmien meta jkun ferm aktar għaqli tibni pontijiet milli ħitan. Għaldaqstant kburi illi din is-sena nedejna aktar minn ftehim wieħed ta' kollaborazzjoni m'entitajiet u aġenziji governattivi oħra. L-għan huwa li nestendu l-operat tagħna u nonoraw il-missjoni tagħna

biex b'hekk ngħaqqdu l-forzi kreattivi kollha. Dan jista' jsarraf biss f'benefiċċju għall-entitajiet kollha involuti u jippermetti li matul iż-żmien nilħqu qċaċet ġodda. Nemmen li dawn is-sinerġiji jsaħħu l-immaġni tal-Festival u tal-letteratura Maltija, waqt li wkoll nistgħu nimxu 'l quddiem lejn possibiltajiet interessanti.

Fit-8 t'Awwissu 2022 ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti, ġewwa l-Librerija Nazzjonali fil-Belt Valletta, bil-ħsieb li nikkollaboraw flimkien ħalli ninkoraġixxu aktar artisti jidħlu fid-dinja tal-pubblikazzjoni lokali, u b'hekk inżewġu aktar flimkien il-letteratura u l-arti għall-benefiċċju taż-żewġ oqsma - fid-dawl t'interess fil-ktieb Malti minn pubblikaturi lokali u barranin. Matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li nżamm bejn it-23 u s-27 ta' Novembru li għadda, għall-ewwel darba ttellgħet esebizzjoni, *From Illustration To Book* dwar l-istorja tal-illustrazzjoni fil-letteratura b'dawl qawwi fuq l-illustrazzjoni klassika u kontemporanja. Il-Kunsill Malti għall-Arti organizza wkoll diversi laqgħat t'informazzjoni dwar fondi prospettivi fil-qasam artistiku u letterarju.

Kollaborazzjoni oħra li ħalliet il-frott kienet ma' ŻiguŻajg li magħhom ħdimna sabiex inġonġu ż-żewġ attivitajiet kulturali ewlenin tagħna f'kalendarju wieħed sabiex jittellgħu sitt xows ta' kwalità għat-tfal, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, ibbażati fuq iż-żewġ kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka ta' din is-sena u fuq xogħol tal-mistieden internazzjonali tal-Festival, John Boyne. Grazzi għall-appoġġ tal-Fondazzjoni Inspire, il-Festival kellu spazju sensory-friendly għal persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu.

Għal dan il-Festival, kellna l-akbar ammont t'esebituri jipparteċipaw, żewġ mistednin internazzjonali tal-ogħla kalibru, John Boyne u Joe Sacco, aktar minn mitt avveniment matul il-ħamest ijiem tiegħu, u attendenza rekord ta' kważi 10,000 student bejn nhar l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-maltemp, it-Tazza tad-Dinja u l-Black Friday jidhru li ħallew impatt fuq l-attendenza ġenerali, iżda fl-aħħar jumejn l-attendenza kibret. Il-Kunsill laqa' r-rispons tal-esebituri kif ukoll tal-iskejjel li pparteċipaw sabiex jara kif dejjem titjieb l-esperjenza tal-Festival.

L-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku – aktar magħrufa bħala l-PLR – qed issir dejjem popolari tant li dis-sena żdiedu l-ammont t'awturi li ssieħbu fl-iskema. Dawn l-iskemi jirriflettu f'liema qagħda qiegħed is-self mil-libreriji pubbliċi. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jindirizza

L-attività 'Iltaqa' mal-Awtur' fit-teatru waqt Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 - produzzjoni li ttellgħat f'kollaborazzjoni ma' ŻiguŻajg



l-iżbilanċ li attwalment jeżisti fl-ammont ta' self bejn il-kotba tat-tfal u dawk tal-kbar billi jkompli bil-prassi illi jagħti donazzjonijiet ta' kotba lil Malta Libraries biex jintlaħqu qarrejja minn kull sfera tal-ħajja. B'hekk inkunu qed naċċertaw illi l-kotba huma disponibbli mil-libreriji pubbliċi u b'konsegwenza nkunu qed inwieżnu lill-awturi kif ukoll lill-pubblikaturi u nżidu l-qari fis-soċjetà.

Il-Fond Malti għal Ktieb fl-2022 kiber għal €120,000 li bih ġew iffinanzjati pubblikazzjonijiet ġodda u traduzzjonijiet għal Malti jew viċeversa. Nistqarr li bħala Kap Eżekuttiv inħossni tassew sodisfatt, kemm bl-ammont ta' proġetti sottomessi u aktar minn hekk bil-kwalità tagħhom, kif stqarru l-aġġudikaturi nfushom fir-rapport tagħhom. Kif imħabbar waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni ta' Jannar li għadda, ġew introdotti żewġ fergħat ġodda f'dan il-fond: ir-ristampar ta' edizzjonijiet ġodda ta' kotba klassiċi li m'għadekx tista' ssib għal bejgħ, bil-ħsieb illi nibdew nimlew il-vojt ta' letteratura kanonika disponnibli għall-pubbliku; u fergħa oħra fejn awturi jibdew jissottomettu siltiet tradotti minn xogħlijiet diġà ppubblikati bil-Malti sabiex jitressqu lill-pubblikaturi barranin. Din hija parti mill-missjoni tagħna li nesportaw il-letteratura Maltija. Il-fondi pubbliċi bħalissa qed isofru minn miżuri t'awsterità u għalhekkk għas-sena 2023, ma stajniex inżidu l-finanzi dedikati għal dan l-għan kif konna ppjanajna.

Ix-xogħol fuq il-Palazz fil-Belt Valletta għadu għaddej minħabba ċirkostanzi li l-KNK ma kellux kontroll fuqhom, ngħidu aħna l-ittardjar ta' permessi, id-dewmien fl-ipproċessar ta' tenders u t-tnaqqis fil-baġit. Eventwalment din il-binja ħa sservi ta' mużew letterarju interattiv, uffiċini tal-KNK u ħanut tal-kotba li jiffoka speċjalment fuq pubblikazzjonijiet lokali. Bħalissa għaddejjin bir-restawr kemm tat-tpenġijiet interni li ġew skoperti kif ukoll tas-soqfa, filwaqt illi x-xogħol strutturali għandu jibda f'nofs l-2023. Aħna impenjati li x-xogħol kollu jkun lest sal-2025.

MarkaPaġna, poddata letterja awdjoviżiva mnedija fl-2022, kienet maħsuba sabiex nilħqu qarrejja ġodda u nisfruttaw il-pjattaforma tal-poddati b'mod aktar spiss. B'dan il-mezz inkunu qed inkomplu bil-missjoni tagħna illi nressqu l-letteratura Maltija lejn il-pubbliku. Waqt il-Festival il-poddata diretta ta' Jon Mallia, illi tkellem u ltaqa' ma' membri tal-pubbliku, intlaqgħet b'entużjażmu.

L-esportazzjoni tal-letteratura Maltija hija waħda mill-filosofiji ewlenin fil-ħidma tal-KNK, u l-għan tagħna huwa li nibnu aktar u aktar kuntatti ma' aġenti letterarji, djar ta' pubblikazzjoni u assoċjazzjonijiet t'edituri barranin kif ukoll kunsilli oħra f'pajjiżi kbar bħar-Renju Unit u l-Italja. Dan iwassal għal opportunitajiet ikbar barra l-pajjiż għal awturi u pubblikaturi, u l-bidu ta' ħolqien ta' aġenzija letterarja bil-ħsieb li timbotta 'l quddiem il-pubblikazzjonijiet lokali. Din is-sena rajna t-tnedijiet ta' *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan għall-Ingliż waqt il-London Book Fair f'April u bin-Norveġiż f'Oslo f'Settembru. Komplejna b'aktar traduzzjonijiet fl-Għarbi, ħalli nsaħħu l-pożizzjoni f'dan is-suq partikolari, bit-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' *Bħal F'Dizzjunarju* ta' Alfred Sant u ta' ġabra ta' poeżiji ta' Gioele Galea. Ikkollaborajna mal-pubblikaturi żgħar u indipendenti bbażati fir-Renju Unit, Praspar Press, billi ssapportjajna l-pubblikazzjoni tal-ġabra *Scintillas 2* bil-għan li nifirxu l-letteratura ta' pajjiżna fis-suq Ingliż. Il-KNK iffirma ftehim ma' *Modern Poetry in Translation*, għal edizzjoni speċjali dwar il-poeżija Maltija li għandha tkun ippubblikata fl-edizzjoni tas-sajf tal-2023.

Il-KNK jistinka biex jistabbilixxi kuntatti ma' entitajiet internazzjonali. Membri tal-KNK żaru l-London Book Fair u l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ISBN f'Oslo. Il-fiera msemmija serviet lill-Kunsill sabiex jistabbilixxi relazzjoni ma' kunsilli tal-ktieb oħra, u ma' pubblikaturi u aġenziji barranin biex jiffaċilita l-esportazzjoni tal-letteratura Maltija u jappoġġja lill-industrija fil-professjonalizzazzjoni tagħha. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ppermettiet ukoll li l-Kunsill jiltaqa' ma' membri ta' organizzazzjonijiet simili għal tagħna sabiex jaqsam l-esperjenzi u jtejjeb l-operat loġistiku tiegħu.

Il-KNK ħadem sabiex ikabbar it-tim tiegħu u jwettaq riorganizazzjoni tal-istaff. Matul l-aħħar tnax-il xahar it-tim kiber b'reklutaġġ estern ta' Organizzatur Kulturali u Uffiċjal Eżekuttiv tal-Accounts u l-Finanzi. Dawn iż-żidiet huma intiżi sabiex jirriflettu ż-żieda fl-operat tagħna, li fisser ukoll illi kellna bżonn niċċaqalqu lejn uffiċini ġodda aktar spazjużi ġewwa Pembroke sabiex inkunu nistgħu naħdmu kif inhu xieraq.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jibqa kommess lejn is-setturi kollha tal-industrija lokali tal-pubblikazzjoni u se jibqa' jissapportja lill-imsieħba kollha. Fis-snin li ġejjin, minkejja dawn iż-żminijiet ta' sfida, il-viżjoni tiegħi bħala Kap Eżekuttiv hija li nara l-industrija tal-pubblikazzjoni tikber permezz ta' ħolqien ta' inizjattivi differenti, kuntatti u opportunitajiet ħalli npoġġu l-letteratura Maltija fuq il-mappa dinjija tal-pubblikazzjoni, kif jixirqilha.

# *Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar premju letterarju prestiġjuż mogħti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) lil awturi, pubblikaturi u illustraturi għal kotba ppubblikati f'Malta matul is-sena preċedenti. Fl-2022, is-sejħa kienet miftuħa għal tmien kategoriji fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li jkopru kotba għall-adulti, u sitta għall-Premju Terramaxka li jkopru kotba għat-tfal u l-adolexxenti. Il-lista finali ta' kotba mressqa għall-finali u r-rebbieħa nfushom intgħażlu minn bord aġġudikattiv indipendenti li assigura l-ogħla grad ta' trasparenza u professjonalità.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet ittellgħet nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru, u ġiet ippreżentata minn Keith Demicoli fil-Mużew Nazzjonali għall-Arti (MUŻA) fil-Belt Valletta taħt l-awspiċi tal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-On. Clifton Grima, u bil-preżenza tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Matthew Vella.

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jittella' kull sena mill-KNK bil-għan li jiċċelebra l-ogħla kisbiet fil-pubblikazzjoni letterarja u ta' riċerka f'Malta. Fl-indirizz tiegħu tal-ftuħ il-Kap Eżekuttiv, Mark Camilleri, enfasizza li l-pubblikaturi qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi diffikultajiet, waqt li wkoll ġibed l-attenzjoni lejn in-numru kbir ta' kotba mressqa għal dan il-premju. Din l-edizzjoni għaqqdet għall-ewwel darba l-kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ma' dawk tal-Premju Terramaxka, għaqda li ssarrfet f'ċelebrazzjoni kbira tal-letteratura Maltija fil-forma wiesgħa tagħha. F'messaġġ viżiv l-On. Grima kkummenta fuq il-prestiġju u l-valur nazzjonali u kulturali ta' dan il-premju, li jirrikonoxxi l-ħidma imprezzabbli ta' kull wieħed fl-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija, u tal-pubblikaturi u l-awturi Maltin mogħnija b'talent.

Sas-26 ta' April, id-data ta' skadenza, il-Premju ġibed lejh numru rekord ta' sottomissjonijiet, b'199 ktieb bħala parti mil-lista preliminari: 107 mifruxa mat-tmien kategoriji tal-Premju




Awturi, pubblikaturi, u dinjitarji waqt iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022

*Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kellu għadd rekord ta' sottomissjonijiet, b'total ta' 199 titlu eliġibbli li ffurmaw il-lista t-twila*



It-trofew tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb



Nazzjonali tal-Ktieb, u 92 ktieb mifruxa fost is-sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka.

Matul dawn l-aħħar snin, żdiedu ċ-ċifri finanzjarji mogħtija lir-rebbieħa u saru riformi fil-proċess ta' aġġudikazzjoni li żiedu l-prestiġju tal-Premju u inċentivizzaw ukoll lil aktar awturi biex iressqu xogħolhom għall-evalwazzjoni. Ir-rebbieħa kollha f'kull kategorija tal-Premju jingħataw is-somma ta' €4,000, għajr l-awturi tax-xogħlijiet tradotti fil-Premju Terramaxka, li l-premju tagħhom huwa ta' €2,000.

Il-kotba rebbieħa ntgħażlu minn bordijiet indipendenti ta' aġġudikazzjoni wara li l-lista preliminari tqassret għal 63: 43 ktieb fit-tmien kategoriji ta' kotba għall-adulti u 20 fis-sitt kategoriji ta' kotba għat-tfal u l-adolexxenti. It-tmien kategoriji ta' kotba għall-adulti kkonsistew f'Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż; Novelli bil-Malti u bl-Ingliż; Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż; Drama bil-Malti u bl-Ingliż; Letteratura Mhux Fittizja; Traduzzjoni; Riċerka Ġenerali; u Riċerka Bijografika u Storjografika, waqt li s-sitt kategoriji ta' kotba għat-tfal u l-adolexxenti kkonsistew f'Kotba Oriġinali għat-Tfal (0-7 snin); Kotba Oriġinali għat-Tfal (8-12-il sena); Letteratura għaż-Żgħażagħ; Kotba Tradotti għat-Tfal (0-7 snin); Kotba Tradotti għat-Tfal (8-12-il sena); u Letteratura għaż-Żgħażagħ Tradotta. Minbarra dawn il-kategoriji kollha, li għal kull waħda minnhom ingħata premju, ingħataw ukoll premjijiet speċjali oħra. Il-Professur Henry Frendo ngħata l-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura, Nadia Mifsud ingħatat it-titlu ta' Poeta Lawreata u Matthew Schembri ngħata l-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti. Żewġ pubblikaturi ngħataw il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra fil-kategoriji tal-kotba mmirati għall-adulti u għat-tfal u l-adolexxenti rispettivament.

Il-KNK jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Terramaxka: Kristy Borg, Nicole Bugeja, Giuliana Fenech, Mario Ellul, Rachel Baldacchino, Carmel Borg, Maria Theuma, Robert Pisani u Caldon Mercieca. Ħajr speċjali jmur ukoll lil Margaret Callus minn Malta Libraries għall-klassifikazzjoni tal-kotba mressqa fil-kategoriji rispettivi tagħhom.

# *Il-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2022*

**Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb** 2022

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Camerata!** — *Aleks Farrugia (SKS Publishers)*
**Big Oak on Little Mountain** — *Lou Drofenik (Horizons)*
**Varjetà: L-Istorja Kważi Vera tal-Kumpanija Stage Commandos** — *Toni Sant (Klabb Kotba Maltin)*
**Frammenti** — *Tyrone Grima (Merlin Publishers)*

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Ċelel bla Ħitan** — *Stephen Lughermo (Horizons)*
**Talb għax-Xita** — *Alex Mizzi (Klabb Kotba Maltin)*
**Disgħin Minuta** — *Charles Casha (Klabb Kotba Maltin)*
**Minn taħt l-Ilsien** — *Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Ħamsin: 24 Awtur, 24 Storja, in-numru 50** — *Ġorġ Mallia (ed.) (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Parabboli tal-Imġienen** — *Keith Borg (Merlin Publishers)*
**Żifna f'Xifer Irdum** — *Nadia Mifsud (Merlin Publishers)*
**Tad-Demm u l-Laħam** — *Steve Borg (Klabb Kotba Maltin)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Varjazzjonijiet tas-Skiet** — *Nadia Mifsud (Ede Books)*
**Insa li Mhijiex Hawn** — *Norbert Bugeja (Klabb Kotba Maltin)*
**Ħassartek** — *Matthew Schembri (Self-Published)*
**Cain** — *Richard England (Kite Group)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**Getting in the Way** — *Vincent Vella (Horizons)*
**L-Interrogazzjoni** — *Alfred Buttigieg (Teatru Malta)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Confessions of a European Maltese: The Middle Years, 1975-1992** — *Alfred Sant (SKS Publishers)*
**Memories from the Front Line: Five Decades of Service to the Country (1965-2005)** — *Joseph R. Grima (Midsea Books)*

Traduzzjoni
**Id-Divina Commedia (Dante Alighieri)** — *Alfred Palma trad. (Klabb Kotba Maltin)*
**In-Nisa Ferrieħa ta' Windsor (William Shakespeare)** — *Alfred Palma trad. (Self-Published)*
**Kwarantina (Jim Crace)** — *Charles Flores trad. (Horizons)*
**Damasku Tiegħi (Suad Amiri)** — *Jean Paul Borg trad. (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Patt il-Ġdid** — *Paul Mizzi trad. (Dar tal-Pubblikazzjoni Qum)*
**Kunċert b'Tifkira ta' Anġlu (Eric-Emmanuel Schmidt)** — *Claudine Borg trad. (Faraxa Publishing)*
**Anne Frank: Id-Djarju ta' Tfajla Edizzjoni Definittiva (Anne Frank)** — *Mary Rose Mifsud trad. (Faraxa Publishing)*
**Vespers (Trevor Żahra)** — *Clare Vassallo trad. (Merlin Publishers)*
**Fratelli Tutti (Pope Francis)** — *Francesco Pio Attard trad. (Reliġjon u Ħajja)*

Riċerka Ġenerali
**Cities, Harbours and Artefacts: Transformations of an Early Modern Landscape. Proceedings of the Public Lecture Series 2018-2019 Urban Landscapes held at the National Library of Malta, Valletta** — *Maroma Camilleri, Mevrick Spiteri (ed.) (Malta Libraries)*
**Josef Kalleja and Dante: A Child's Tormented Soul in Paradise Vol. 1** — *Giuseppe Schembri Bonaci (Horizons)*
**Josef Kalleja and Dante: A Child's Tormented Soul in Paradise Vol. 2** — *Giuseppe Schembri Bonaci (Horizons)*
**International Perspectives on the Decorative Arts: Nineteenth-Century Malta** — *Mark Sagona (Midsea Books)*
**Art Nouveau to Modernism: Architecture in Malta1910-1950** — *Conrad Thake (Kite Group)*
**Dinner in Malta in a Series of Vignettes 1530-1930** — *Matty Cremona (Midsea Books)*
**The Houses of Baroque Valletta 1650-1750. Property Redevelopment from Records of the Officio delle Case: Socio-economic Reflections on Civil Buildings** — *Mevrick Spiteri (Midsea Books)*
**Roman Architecture in Malta** — *David Cardona (Heritage Malta Publishing)*
**Working Life and the Transformation of Malta 1960-2020** — *Manwel Debono, Godfrey Baldacchino (ed.) (Malta University Press)*
**Il-Ktieb ta' San Ġuċepp: Ġabra ta' Studji** — *Andrew Borg (Deer Publications)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Among Others. The Maltese in Egypt: Life, Crime and Death (1860s-1923)** — *Michael Refalo (Kite Group)*
**The Tail That Wagged the Dog: The Life and Struggles of Dom Mintoff 1916-2012** — *Mark Montebello (SKS Publications)*
**The Darmanin Artists: Decorative Marble Production for the British Empire** — *Jessica Muscat (Kite Group)*
**Churchill, Malta and Gibraltar** — *Victor Aquilina (Kite Group)*

## Il-Premju Terramaxka

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**Inpinġi bl-Imqas ma' Henri Matisse** — *Doris Schembri, Elaine R. C. Saliba (ill.) (Faraxa Publishing)*
**Ride the Feeling** — *Auntie Sab, Emma Galea Naudi (ill.) (Merlin Publishers)*

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 8–12)
**Ruby u l-Kaxxa bil-Buttuni** — *Audrey Friggieri, Marisa Attard (ill.) (Horizons)*
**Il-Pupa tax-Xelter** — *Claudia Aloisio, Greta Borg Carbott (ill.) (Klabb Kotba Maltin)*
**Paramm Paramm: Ktieb għall-Bravi u l-Imqarbin** — *Immanuel Mifsud, Maja Veselinović (ill.) (Klabb Kotba Maltin)*
**X'se Jagħmel Joe?** — *Dunstan Hamilton (Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunita')*
**Vjaġġ bil-Ballun** — *Maria Borg Cremona, Carmel Busuttil, Matt Stroud (ill.) (Horizons)*
**In-Nanna Se u l-Brimba Sultana** — *Kenneth Gauci, Amy Sultana (ill.) (BDL Publishing)*
**Il-Fatat Kaħlani** — *Clare Azzopardi, Leanne Ellul, Romont Willy (ill.) (Merlin Publishers)*
**Mila u l-Iljun ir-Rieqed** — *Leanne Ellul, Stephanie Bugeja, Alice Samuel (ill.) (Merlin Publishers)*

Xogħol Oriġinali: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16)
**Noti Blu** — *Jacqueline Mizzi (Horizons)*
**#noħlomlixidarba** — *Clare Azzopardi, Naomi Gatt* **(ill.) (Servizzi Ewropej f'Malta (SEM))**
**Irvin Vella: Il-Każ tat-Tfajla Maħtufa** — *John A. Bonello, Francesca Grech (ill.) (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għat-tfal (Etajiet 0–7)
**Kelb Jismu Wuff (Clare Smedley, Romont Willy ill.)** — *Claudia Gauci trad. (Merlin Publishers)*
**Mustaċċi Jivvintahom (Armelle Renoult, Mélanie Grandgirard ill.)** — *Clare Azzopardi trad. (Merlin Publishers)*
**Akiko: Qattus Unikornu b'Missjoni (Béatrice Ruffié, Ophélie Ortal ill.)** — *Clare Azzopardi trad. (Merlin Publishers)*
**Kapt'n Fsied u l-Kaxxa tal-Ikel (Julien Hervieux, Luke Séguin-Magee ill.)** — *Clare Azzopardi trad. (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għat-tfal (Etajiet 8–12)
**Vrumm! L-istorja tal-Karozzi (Michał Leśniewski, Maciej Szymanowicz ill.)** — *Noel Tanti trad. (Merlin Publishers)*
**Alice fl-Art tal-Għeġubijiet (Lewis Carol, Carlo Scataglini)** — *Clare Azzopardi, Leanne Ellul trad. (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għall-adolexxenti (Etajiet 13-16
**Sherlock, Lupin u Jien: Il-Misteru tal-Warda Ħamra (Irene Adler, Iacopo Bruno ill.)** — *Dwayne Ellul trad. (Merlin Publishers)*

# Ir-Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Frammenti** — *Tyrone Grima (Merlin Publishers)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Il-Ħamsin : 24 Awtur, 24 Storja, in-numru 50** — *Ġorġ Mallia (ed.) (Klabb Kotba Maltin)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Varjazzjonijiet tas-Skiet** — *Nadia Mifsud (Ede Books)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**L-Interrogazzjoni** — *Alfred Buttigieg (Teatru Malta)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Confessions of a European Maltese: The Middle Years, 1975-1992** — *Alfred Sant (SKS Publishers)*

Traduzzjoni
**Anne Frank: Id-Djarju ta' Tfajla Edizzjoni Definittiva** — *Mary Rose Mifsud trad. (Faraxa Publishing)*

Riċerka Ġenerali
**Art Nouveau to Modernism: Architecture in Malta1910-1950** — *Conrad Thake (Kite Group)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**The Darmanin Artists: Decorative Marble Production for the British Empire** — *Jessica Muscat (Kite Group)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
*Kite Group għal* **The Darmanin Artists: Decorative Marble Production for the British Empire** — *Jessica Muscat*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
*Matthew Schembri*

Premju Poeta Lawreat
*Nadia Mifsud*

Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Istorjografija Maltija
*Henry Frendo*

---

# Ir-Rebbieħa tal-Premju Terramaxka

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**Ride the Feeling** — *Auntie Sab, Emma Galea Naudi (ill.) (Merlin Publishers)*

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 8-12)
**Vjaġġ bil-Ballun** — *Maria Borg Cremona, Carmel Busuttil, Matt Stroud (ill.) (Horizons)*

Xogħol Oriġinali: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16)
**#noħlomlixidarba** — *Clare Azzopardi, Naomi Gatt (ill.) (Servizzi Ewropej f'Malta (SEM))*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti (Etajiet 0–7)
**Mustaċċi Jivvintahom (Armelle Renoult, Mélanie Grandgirard ill.)** — *Clare Azzopardi trad. (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti (Ages 8–12)
**Vrumm! L-istorja tal-Karozzi (Michał Leśniewski, Maciej Szymanowicz ill.)** — *Noel Tanti trad. (Merlin Publishers)*

Xogħol Tradott: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16)
**Sherlock, Lupin u Jien: Il-Misteru tal-Warda Ħamra (Irene Adler, Iacopo Bruno ill.)** — *Dwayne Ellul trad. (Merlin Publishers)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
**Mila u l-Iljun ir-Rieqed** — *Leanne Ellul, Stephanie Bugeja, Alice Samuel (ill.) (Merlin Publishers)*

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa ċ-ċelebrazzjoni ewlenija tal-kotba fil-kalendarju kulturali Malti u l-aktar avveniment prestiġjuż f'Malta li jevolvi madwar il-kotba. Matul dawn l-aħħar snin, bl-eċċezzjoni tal-2020 meta l-Festival ittella' online, il-Festival laqa' numru dejjem jikber ta' viżitaturi u saħħaħ ir-reputazzjoni tiegħu bħala l-pjattaforma ideali għall-awturi u l-pubblikaturi sabiex jippreżentaw l-aħħar xogħlijiet tagħhom, u bħala l-pjattaforma li tippermetti opportunitajiet estensivi ta' networking għall-professjonisti tal-industrija.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tal-2022 ittella' bejn it-23 u s-27 ta' Novembru fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali għat-tieni darba konsekuttiva. L-arja tal-MFCC ta' 8,000 metru kwadru tagħti aktar flessibbiltà organizzattiva lil dan l-avveniment nazzjonali. Il-Festival seta' jospita 50 stand għall-esebituri, kif ukoll kellu żoni akbar għal attivitajiet bħal teatru, kafè u spazju għal esebizzjoni mifruxa madwar il-post kollu. Barra minn hekk offra wkoll faċilitajiet wiesgħa ta' parkeġġ għall-viżitaturi.

Matul l-ewwel tlett ijiem tal-Festival, mal-10,000 tifel u tifla żaru l-Festival sabiex jgħarrxu fost il-kotba u jaraw il-produzzjonijiet teatrali ta' ŻiguŻajg imħejjijin direttament għalihom u bbażati fuq żewġ kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka: *Ride the Feeling* u *Vjaġġ bil-Ballun*. Dawn il-produzzjonijiet ittellgħu taħt id-direzzjoni ta' Prickly Pear Productions wara adattament minnhom stess. Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru, l-istudenti ngħataw l-opportunità li jiltaqgħu mal-awtur ta' *The Boy in the Striped Pyjamas* John Boyne u mal-illustratur Gattaldo waqt produzzjoni teatrali ispirata mill-istess rumanz għall-adolexxenti. Rebecca Camilleri kienet id-direttriċi ta' din il-produzzjoni teatrali. Matul tmiem il-ġimgħa, ittellgħet produzzjoni oħra ta' ŻiguŻajg, *Coco the Singer, the Chocolate Finger*, li kellha produzzjoni u koreografija ta' Pamela Kerr.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 kien ċelebrazzjoni tal-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija, b'aktar minn 100 avveniment immirati għat-tfal, il-familji, il-professjonisti tal-pubblikazzjoni u l-pubbliku ġenerali. Il-Festival inkluda wkoll diversi tnedijiet u preżentazzjonijiet tal-kotba, laqgħat ma' awturi, diskussjonijiet tematiċi u skrinjar ta' films – li kollha servew bħala pjattaforma sabiex jitwessa' n-networking tal-professjonisti fl-industrija, kif ukoll l-għarfien ta' kif taħdem l-industrija lil hinn mill-qoxra.

L-awtur bestseller John Boyne, wieħed mill-mistednin internazzjonali ta' din is-sena, ġie intervistat minn Leanne Ellul dwar *All the Broken Places*, l-aħħar rumanz tiegħu li jdur madwar is-sens ta' ħtija u kompliċità wara l-Olokawst. Wara l-intervista kien hemm sessjoni ta' ffirmar mill-awtur. Gattaldo, illustratur li rebaħ diversi premji, ta workshop esklussiv għat-tfal bejn sebgħa u tnax-il sena, u pparteċipa f'panel fid-diskussjoni fuq ir-rakkuntar tal-istejjer viżiv, 'X'Tiswa Stampa?' flimkien ma' Joanna Demarco, Teodor Reljić u Joe Sacco. Il-kartunist Malti-Amerikan Joe Sacco, li huwa meqjus bħala l-kreatur tal-komiks li jirrappurtaw il-gwerra, ħa sehem f'intervista intriganti mħejjija minn James Debono, li segwiet b'sessjoni ta' ffirmar ta' kotba. Fost temi oħra, iddiskutew l-immersjoni ta' persuna f'kulturi differenti, kif persuni differenti jwieġbu għal dan, kif ukoll kwistjonijiet globali li jduru madwar il-paċi u l-gwerra, l-iżvilupp bla rażan, u l-proċess kreattiv ta' Sacco.

Ittellgħu wkoll diversi avvenimenti li jindirizzaw aspetti varji tal-proċess tal-pubblikazzjoni. Simon Trewin, aġent letterarju veteran li ħadem

*Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 kien ċelebrazzjoni tal-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija, b'aktar minn mitt attività għat-tfal, il-familji, il-professjonisti tal-pubblikazzjoni u l-pubbliku ġenerali*




Il-powster u l-maskot tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 - Arnold - ġew iddisinjati minn Gattaldo

ma' diversi awturi bestsellers, fosthom John Boyne, permezz tad-diskussjoni 'Qrara ta' Aġent Letterarju' tkellem dwar l-irwol tal-aġent biex jieħu dak li jista' mill-potenzjal kreattiv ta' awtur minn perspettiva ta' negozju u qasam ukoll riflessjonijiet fuq it-tranżizzjoni li d-dinja globali tal-pubblikazzjoni għaddiet minnha mid-disgħinijiet 'il hawn. Gutenberg Press tellgħu seminar affaxxinanti fuq il-produzzjoni tal-kotba, li ħa lill-pubbliku mill-ewwel sal-aħħar pass fil-proċess sakemm ktieb jiġi finalizzat, waqt li l-avveniment 'Speed Date Letterarja' offriet l-opportunità unika lill-pubbliku sabiex jiltaqa' ma' atturi diversi fil-proċess tal-pubblikazzjoni.

Suċċess ieħor tal-Festival kien l-esebizzjoni *From Illustration to Book* ikkurata minn Dr Nikki Petroni u mtellgħa f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. F'din l-esebizzjoni ġiet enfasizzata l-importanza tal-illustrazzjonijiet fl-industrija tal-pubblikazzjoni, waqt li ntefa' dawl fuq illustraturi veterani u kontemporanji. Waqt li qanqlet memorji ħelwin ta' karattri bħar-Ronnie, Kunċett u Marinton u Fra Mudest, offriet ukoll stampa sħiħa ta' kif l-illustrazzjonijiet f'Malta evolvew maż-żmien. L-esebizzjoni kienet r-riżultat ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti, il-frott tal-ambizzjoni taż-żewġ entitajiet kulturali sabiex isaħħu networks professjonali li b'hekk iżidu l-opportunitajiet għall-komunità kreattiva. Ipprovdiet ukoll vetrina għal dawk l-illustraturi u disinjaturi grafiċi li jaħdmu fl-industrija tal-pubblikazzjoni. Dan kollu huwa parti minn sforz sabiex jinstabu aktar opportunitajiet

għall-iżvilupp professjonali u kreattiv, aktar aċċessibbiltà għall-kotba u pubblikar għal udjenzi varji, u sabiex jiġu attirati pubblikaturi barranin li qed ifittxu ideat ġodda.

Il-Festival serva wkoll bħala pjattaforma għall-esebituri sabiex jorganizzaw tnedijiet ta' kotba u sessjonijiet ta' ffirmar ta' kotba minn awturi distinti. Il-President George Vella kien preżenti sabiex jiffirma kotba b'riżq il-Fondazzjoni Malta Community Chest Fund. Ittellgħu wkoll diskussjonijiet u sessjonijiet ta' qari għat-tfal, kif ukoll avvenimenti sensor-friendly f'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Inspire. Ittellgħet ukoll għall-ewwel darba poddata live ma' Jon Mallia, li tkellem ma' membri mill-pubbliku fuq ir-relazzjoni tagħhom mal-kotba, l-għarfien u l-kultura.

F'konformità ma' wieħed mill-prinċipji tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li jappoġġja l-ġenerazzjoni ġdida ta' kittieba, tnieda l-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ, f'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ, u ttellgħet iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-Konkors Nazzjonali Tal-Poeżija Doreen Micallef 2022. Ma nistgħux ma nsemmgħux ukoll it-tnedija annwali ta' *Leħen il-Malti* mill-Għaqda tal-Malti, u avvenimenti oħra bħal 'L-Isfida Msella' li tiċċelebra t-trawwim ta' kultura ta' qari fost it-tfal.

Avvenimenti oħra notevoli kienu dawk li taw omaġġ lil figuri ewlenin fix-xena kulturali Maltija. Intwera għall-ewwel darba d-dokumentarju qasir maħdum minn Nest Creative, li ċċelebra l-ħajja u x-xogħlijiet tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura 2021, Rena Balzan. Avveniment ieħor, 'Demgħat tas-Silġ?' fakkar lil Mario Azzopardi, figura ċentrali fix-xena kulturali, li sfortunatament ħalliena kmieni s-sena l-oħra. Dan l-avveniment, immoderat mill-akkademiku u kittieb Immanuel Mifsud, ta l-opportunità lil Giuseppe Schembri Bonaci (storiku tal-arti), Karl Schembri (poeta) u Marvic Cordina (attriċi) sabiex jiddiskutu id-diversi faċċati ta' Azzopardi u r-relazzjoni tagħhom miegħu.

Dan kollu ma kienx ikun possibbli mingħajr il-parteċipazzjoni tal-esebituri; l-imsieħba tal-KNK, il-Kunsill Malti għall-Arti, ŻiguŻajg, l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma u l-Fondazzjoni Inspire, kif ukoll NoċeMuskata u Gattaldo, l-illustratur uffiċjali tal-Festival u l-kreatur tal-maskot tal-Festival, Arnold, u l-istaff tekniku kollu; MFCC u Zaffarese Ltd, u fuq kollox dawk kollha li attendew.




## Il-lista tal-esebituri

Agenda Bookshop / Miller Distributors Ltd.
Ahmadiyya Muslim Jamaat
Arts Council Malta
BDL
Bookends / Miller
Reliġjon Ħajja - ĊAK
Carl Thomas Tonna
Dar Camilleri
Deer Publications
Ede Books / Kixott
Enchanted Grove Publishing (Rita Antoinette Borg)
Energy and Water Agency (EWA) - L-Ilma Ibda Minnek
Faraxa Publishing
Filfla Studio (Fabrizio Ellul)
Fondazzjoni Sagħtar
Freckled Color (William Martin)
Friends of the National Archives of Malta
German-Maltese Circle / Department of German, University of Malta
Għaqda tal-Malti - Università / Inizjamed
Heritage Malta Publishing
Horizons
Infomediaworks Limited
Infinity Books Ltd.
Istituto Italiano di Cultura
Joseph Grech
Joseph P. Smith Photographer
Kite Group
Kiwi Publications
Kotba Calleja
Librerija Preca
Malta Guide Dogs Foundation
Malta Libraries
Malta University Press
Meli Bookshop
Mellieħa Local Council
Merlin Library
Midsea Books / Klabb Kotba Maltin
National Literacy Agency
Nicola Kearns
Pandora Books
Pauljon Aquilina
Quinque (Alfred Sant)
Rachael Halloway
Ricky Caruana
Sandra Hili Vassallo
SKS Publishers
Wirt iż-Żejtun
Wikimedia Community Malta



L-esebizzjoni *From Illustration to Book* f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti




John Boyne intervistat minn Leanne Ellul



10,000 student jattendu l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 fi tlett ijiem

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*

Fl-2022 il-Fond Malti tal-Ktieb ġiet allokata lilu s-somma ta' €120,000, żieda ta' €15,000 fuq l-edizzjoni preċedenti. Ġew introdotti wkoll żewġ kategoriji ġodda – it-traduzzjoni ta' siltiet ta' kotba u l-pubblikazzjoni ta' edizzjonijiet ġodda ta' xogħlijiet letterarji Maltin li bħalissa mhumiex fl-istampa u għalhekk mhux disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ilu jiżviluppa dan il-Fond sa mill-2015, sabiex irawwem tkabbir kulturali fis-suq tal-ktieb lokali, bl-objettiv li jagħmel tajjeb għall-effetti tad-daqs relattivament żgħir tal-istess suq, li jaffettwa serjament il-kapital disponibbli għal pubblikazzjonijiet ta' kwalità, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-traduzzjoni u l-marketing. Dan il-Fond huwa parti mill-viżjoni tal-KNK biex jieħu l-irwol ta' aġent kulturali fi ħdan is-soċjetà u jsir kontributur proattiv u progressiv lejn l-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali tas-soċjetà tagħna.

Il-Fond jinkoraġġixxi awturi, tradutturi u pubblikaturi biex ma jagħtux daharhom 'il proġetti minħabba nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali. Il-Fond jixpruna wkoll aktar kunfidenza f'inizjattivi bħal dawn u jassigura li jseħħu. Permezz ta' dan il-Fond, jiġu appoġġjati awturi, tradutturi u pubblikaturi lokali li li kieku jkollhom iċekknu l-proġetti aktar ambizzjużi tagħhom jew li ma jiħdux ir-riskji finanzjarji involuti biex jattwawhom.

Xi kotba ppubblikati fl-2022 li ħadu l-Fond







Is-sejħa pubblika għall-Fond infetħet fid-19 ta' April u sa l-aħħar ta' Ġunju, id-data ta' skadenza, intlaqgħu 74 sottomissjoni eliġibbli mifruxa fuq il-kategoriji kollha: Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda, b'allokazzjoni ta' €50,000; Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa, b'allokazzjoni ta' €10,000; Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Kotba Maltin, b'allokazzjoni ta' €40,000; Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Kotba għall-Malti, b'allokazzjoni ta' €15,000; u Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch, b'allokazzjoni ta' €5,000. L-għotjiet kollha li jingħataw jistgħu jitilgħu sa 100% tal-ispejjeż tal-proġett propost, massimu ta' €5,000, b'eċċezzjoni għall-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch li għandhom massimu ta' €500 għal kull proposta. Sabiex il-Fond jassigura li jappoġġja kemm jista' jkun proġetti meritevoli, u biex juża l-fond kollu, il-KNK jirriżerva d-dritt li juża fondi mhux użati f'kategorija għal kategorija oħra.

Wara li l-proġetti kollha mressqa ġew assessjati għall-eliġibbiltà, il-kompletezza, il-budget, il-fattibbiltà u l-mertu kulturali, 29 proġett ingħata finanzjament sħiħ jew parzjali minn bord indipendenti maħtur mill-KNK. Dan kien magħmul minn Simone Inguanez, Mario Aquilina, Mario Thomas Vassallo u Katryna Storace.

Il-benefiċjarji tal-fond għandhom 18-il xahar minn meta jiffirmaw il-kuntratt biex ilestu l-proġett. L-amministraturi tal-fond tal-KNK se jkunu qed isegwu l-progress tal-proposti biex jassiguraw li jitlestew.

# *Il-Proġetti Magħżula - il-Fond Malti tal-Ktieb 2022*

| **Għotjiet għall-Pubblikazzjoni** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Mafkar ta' Poeżiji lil Daphne Caruana Galizia: ġabra ta' xogħlijiet li jagħtu ġieħ lil din il-ġurnalista assassinata fl-2017 | Immanuel Mifsud | €2,454 |
| Pubblikazzjoni ta' ktieb divertenti dwar l-istorja tal-ilsien Malti | Antoinette Borg | €4,940 |
| A Companion to Joseph Demarco's De Chocolata (1760) | Jurgen R. Gatt | €5,000 |
| Gefallen, the War Letters of Fräulein M: Tobruk, the Medirerranean, Russia, Normandy & the Defence of the Reich | Robert Attard | €5,000 |
| Research on Juan Bautista Azopardo and publication of his biography | Mark Camilleri | €5,000 |
| Passport to Vice by Matthew Vella | David Bezzina | €4,850 |
| Rużar Briffa - U Jiena: ktieb ġdid ta' riċerka dwar is-sors tan-niket fil-ħajja u l-poeżija tal-poeta - ir-relazzjoni tal-awtur miegħu | Paul P. Borg | €5,000 |
| Principles of Maltese Public Law - An Exegesis | Kevin Aquilina | €5,000 |
| Eclecticism and the Baroque Revival in Malta - Abramo Gatt (1863-1944): Master of the Decorative Arts | Anthony Gatt, Mark Sagona, Abner Cassar | €5,000 |
| A Journey in Balzan: An Immersive and Illustrated Guide of the Balzan village through Its Local Social Memory | Stephen Gatt | €1,350 |
| Min jogħdos bla maskra. Ġabra ta' madwar 60 poeżija, b'ħames taqsimiet | Carmel Scicluna | €1,400 |
| Sexuality and Legacy | Nicholas Bugeja | €5,000 |
| Bread and Bakers in Eighteenth Century Malta | Noel Buttigieg | €4,920 |
| *Manwal għall-Qari tal-Provi: manwal li jittratta b'reqqa s-sengħa tal-qarrej tal-provi | Gabriel Grioli | €1,053 |

**Gabriel Grioli ngħata l-fond parzjali ta' 1,053 Euro wara li Mark Vella m'aċċettax il-fond mogħti lilu (ara Għotjiet għat-Traduzzjoni Kat 2).*

| **Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| L-Ibleh | Joseph Borg | €5,000 |
| Sensiela Letteratura Klassika Maltija: Il-Fidwa tal-Bdiewa ta' Ninu Cremona | Akkademja tal-Malti | €5,000 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni** - *Kategorija 1 – Traduzzjoni ta' kotba Maltin* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Traduzzjoni għas-Serb ta' *Kissirtu Kullimkien* ta' Lara Calleja bl-użu tal-Ingliż bħala lingwa intermedjarja | Dejan Matić | €4,388 |
| Traduzzjoni fl-Għarbi ta' selezzjoni ta' sebgħin poeżija mill-kollezzjonijiet *Nartiċi* u *Insa li Mhijiex Hawn*, ta' Norbert Bugeja, bl-użu tal-Franċiż bħala lingwa intermedjarja | Norbert Bugeja | €3,300 |
| Traduzzjoni u pubblikazzjoni ta' *Bejn Baħar u Baħar* ta' Elizabeth Grech fl-Għarbi | Mohamed El Baaly | €5,000 |
| Traduzzjoni u pubblikazzjoni ta' *Vespers* ta' Trevor Zahra fl-Armen | Hrant Aleksanyan | €5,000 |
| Traduzzjoni u pubblikazzjoni ta' *The Swans at St. Ives And Other Stories* ta' Charles Casha fl-Albaniż | Gezim Tafa | €4,160 |
| Traduzzjoni fl-Ingliż ta' *Bejn Baħar u Baħar* ta' Elizabeth Grech | Hemant Dayanand Divate | €5,000 |
| Traduzzjoni mill-Malti għall-Għarbi tar-rumanz ta' Frans Sammut *Paceville* maħruġ f'Malta fl-1991 | Mark Anthony Sammut Sassi | €3,000 |
| *In Tune with City Life:* Traduzzjoni għall-Ingliż ta' *Fiż-Żifna ta' l-Ibliet ta'* Rena Balzan's | Joanne Micallef | €5,000 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni** - *Kategorija 2 – Traduzzjonijet għall-Malti* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Il-Frammenti ta' Saffo. Dan il-proġett jiffoka fuq it-traduzzjoni tal-poeżija ta' Saffo mill-Grieg Antik għall-Malti, b'introduzzjoni u kummentarju | Warren Bartolo | €5,000 |
| It-traduzzjoni ta' *Il Cane di Terracotta* ta' Andrea Camilleri għall-Malti | Antoinette Borg | €5,000 |
| Traduzzjoni ta' *Notes on the Flesh / Noti fuq id-Demm u l-Laħam* ta' Shahd Alshammari għall-Malti | Joanne Micallef | €3,685 |
| Traduzzjoni ta' *La Nuit de Feu* / "Lejl in-Nar" ta' Éric-Emmanuel Schmitt għall-Malti | Anthony Aquilina | €5,000 |
| *It-traduzzjoni ta' *The Confectioner's Daughter* ta' Lou Drofenik mill-Ingliż għall-Malti | Mark Vella | €1,053 |

**Il-fond li kellu jmur għand Mark Vella għadda għand Gabriel Grioli (ara Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda)*

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Traduzzjoni ta' silta minn *Amina* ta' Antoinette Borg għall-Ingliż | Antoinette Borg | € 500 |

# *Ix-Xogħol fuq Barra u l-Esportazzjoni Letterarja*

Aspett mill-aktar importanti tax-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa li jipprovdi pontijiet għal-letteratura Maltija biex tivvjaġġa lil hinn minn xtutha permezz tat-traduzzjoni. Permezz tal-iffaċilitar tal-pubblikazzjoni tal-letteratura Maltija barra minn Malta, il-KNK qed iwettaq il-missjoni tiegħu li jippromwovi u jesporta l-letteratura Maltija. Sabiex ipoġġi l-industrija tal-pubblikazzjoni lokali fuq il-mappa internazzjonali, qed isir xogħol bil-għan li jattira l-interess ta' professjonijisti fid-dinja tal-pubblikazzjoni internazzjonali, biex b'hekk il-letteratura Maltija issir aktar viżibbli, tiġi attirata aktar attenzjoni lejha, u jkun hemm dħul finanzjarju dirett għall-pubblikaturi, l-awturi u t-tradutturi.

Ix-xogħol tal-KNK imur lil hinn minn finanzjament dirett u senserija ta' kuntratti ma' pubblikaturi u tradutturi barranin. Matul is-sena l-Kunsill jipprovdi kull għajnuna u gwida lil awturi, imsieħba u entitajiet li javviċinawna b'mistoqsijiet jew talbiet għall-għajnuna sabiex

L-istand tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb waqt il-London Book Fair



*Permezz tal-iffaċilitar tal-pubblikazzjoni tal-letteratura Maltija barra minn Malta, il-KNK qed iwettaq il-missjoni tiegħu li jippromwovi u jesporta l-letteratura Maltija, u konsegwentament ipoġġi l-industrija tal-pubblikazzjoni lokali fuq il-mappa internazzjonali*

jieħdu l-kotba tagħhom barra minn Malta. L-esportazzjonijiet letterarji huma vitali għall-industrija tal-kotba Maltija, u bħala għajn ta' referenza strateġika fuq das-settur importanti l-KNK jgħin sabiex iqabbad awturi lokali ma' pubblikauri barranin. Minkejja dawn l-isforzi kollha, il-KNK jirrikonoxxi li għad baqa' jsir ħafna xogħol sabiex jitwaqqfu aġenti letterarji ddedikati u infrastruttura li tappoġġjahom.

## Il-Fiera tal-Kotba f'Londra

Matul l-2022 tlaxkaw ir-restrizzjonijiet fl-ivvjaġġar minħabba l-pandemija Covid-19. Dan fisser li l-KNK reġa' żar il-Fiera tal-Kotba f'Londra wara nuqqas ta' sentejn. Il-KNK jikkunsidra din il-Fiera bħala appuntament mill-aktar importanti għall-promozzjoni tal-letteratura Maltija lil hinn mix-xtut Maltin.

Il-Fiera tal-Kotba f'Londra tittella' kull sena f'Olympia, Kensington, u tlaqqa' flimkien numru impressjonanti ta' pubblikaturi żgħar u kbar, aġenti, professjonisti tal-industrija u negozjaturi ta' drittijiet ta' pubblikazzjoni, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali taħt saqaf wieħed. Għall-aħħar edizzjoni, il-KNK kellu aġenda mimlija b'laqgħa wara oħra ma' msieħba internazzjonali, edituri, pubblikaturi, istituzzjonijiet u aġenti letterarji barranin biex jippromwovi l-letteratura Maltija. Diversi kotba – fosthom ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – ġew esebiti fl-istand tal-KNK kemm bil-lingwa oriġinali tagħhom kif ukoll bil-lingwi tradotti.

Il-KNK organizza erba' attivitajiet f'sezzjonijiet differenti tal-Fiera. Tella' tliet sessjonijiet fil-Poets' Corner, li kkonsistew f'qari ta' poeżija u

Il-verżjoni Taljana ta' *Mikelin* ta' Sandra Hili Vassallo u *Noè u L-Iskojjattlu bla Kwiet* ta' Leanne Ellul (*Verbavolant*)










Il-pubblikazzjonijiet frott il-kollaborazzjoni ma' Praspar Press minn Londra, li tnedew waqt il-Festival tal-2022

proża Maltija tradotta fl-Ingliż. Is-seminar tal-PEN Literary Salon tal-Ingilterra ffoka fuq il-letteratura Maltija ppubblikata għas-suq Ingliż permezz tad-djar żgħar tal-pubblikazzjoni Praspar Press u Peter Owen Publishers. Fost affarijiet oħra, is-seminar indirizza l-isfidi eżistenti biex il-letteratura Maltija tiġi introdotta fis-suq Ingliż, u l-esperjenzi tal-awturi, tradutturi u pubblikaturi fuq dan il-vjaġġ lil hinn minn Malta.



Walid Nabhan jiffirma kotba tal-edizzjoni Norveġiża tal-ktieb tiegħu *Storkenes Flukt* f'Oslo




*Bħal f'Dizzjunarju* ta' Alfred Sant tradott għall-Għarbi



## Tnedijiet ta' kotba

Fl-4 ta' April, fl-ispazju prestiġjuż Mosaic Rooms, fi Triq Cromwell, Peter Owen Publishers nedew *Exodus of the Storks*, l-edizzjoni bl-Ingliż ta' *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan.

Ir-rumanz sinonimu ma' Nabhan ġie tradott ukoll għan-Norveġiż minn Kristina Quintano u ppubblikat minn Solum Bokvennen f'Settembru fil-House of Literature f'Oslo taħt it-titlu ta' *Storkenes Flukt*.

## Xogħol lejn twaqqif ta' aġenzija letterarja

Fl-2022 il-KNK beda diskussjoni dwar l-irwol ta' aġenzija letterarja f'Malta permezz ta' stedina lil Simon Trewin għal taħdita lill-professjonisti tal-pubblikazzjoni f'Malta waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Trewin, aġent letterarju veteran li ħadem ma' diversi awturi bestsellers internazzjonali fid-dinja tal-ktieb, il-film, it-teatru u l-mezzi diġitali, irrifletta fuq it-tranżizzjoni li d-dinja globali tal-pubblikazzjoni għaddiet minnha mill-bidu tad-disgħinijiet 'l hawn u l-irwol tal-aġent biex jieħu dak li jista' mill-potenzjal tal-awturi minn perspettiva kreattiva u ta' negozju.

Il-KNK impenjat li jkompli din id-diskussjoni fl-2023 f'fora varji, fosthom fil-laqgħat annwali ta' konsultazzjoni mal-awturi u l-pubblikaturi, waqt li wkoll se jiffoka fuq il-kuntratti u d-drittijiet meta tiġi ppubblikata l-letteratura Maltija permezz tat-traduzzjoni.

## Esportazzjoni tal-poeżija bħala pajjiż mal-*MPT*

Grazzi għal kollaborazzjoni li twieldet fiż-żjara tal-KNK fil-Fiera tal-Kotba f'Londra tal-2022, ġie ffirmat qbil mar-rivista rinomata letterarja u l-pubblikatur *Modern Poetry in Translation (MPT)*. Din l-organizzazzjoni bbażata f'Londra nbdiet minn Ted Hughes u Daniel Weissbort fl-1965.

Permezz ta' din il-kollaborazzjoni *MPT* se jiddedika sezzjoni mill-ħarġa tas-sajf tal-2023 li se tiffoka fuq il-poeżija Maltija tradotta jew miktuba bl-Ingliż. Flimkien mal-poeżija, ir-rivista se jkollha wkoll artiklu fil-forma ta' intervista jew esej li jipprovdi aktar kuntest fuq il-poeżija Maltija.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Frar, se tinħareġ sejħa għal poeżija Maltija tradotta jew miktuba bl-Ingliż fuq il-kanali tal-*MPT* u l-KNK. Din għandha tkun opportunità eċċellenti sabiex il-poeżija Maltija tidher lil hinn mix-xtut Maltin.

## Pubblikazzjonijiet ġodda appoġġjati mill-KNK

L-2022 rat il-frott ta' diversi proġetti li nbdew fl-2021 fil-forma ta' pubblikazzjonijiet u promozzjoni ta' proġetti ta' esportazzjoni. L-edizzjoni Għarbija ta' *Bħal f'Dizzjunarju* ta' Alfred Sant tlestiet u nbiegħet f'diversi fieri tal-kotba fir-reġjun, b'dik l-aktar notevoli tkun il-Fiera tal-Kotba Internazzjonali f'Sharjah. L-edizzjoni ġiet ippubblikata mid-dar tal-pubblikazzjoni Eġizzjana AFAQ for Publishing, bi traduzzjoni ta' Walid

Nabhan. F'Ottubru, id-dar tal-pubblikazzjoni Manshurat al Jamal ippubblikat ġabra ta' poeżija ta' Gioele Galea, magħżula u tradotta b'reqqa minn Murad Shubert. Id-dar Lebaniża hija wkoll magħrufa għall-fatt li rebħet il-Premju Internazzjonali għall-Finzjoni Għarbija permezz tal-ktieb *Frankenstein in Baghdad*.

Wara t-tieni kuntratt iffirmat lejn l-aħħar tal-2021 mad-dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Londra Praspar Press, matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tnedew żewġ pubblikazzjonijiet: *Scintillas 2: New Maltese Writing*, ġabra ta' xogħlijiet ġodda ta' poeżija, proża u letteratura mhux fittizzja bl-Ingliż minn kittieba Maltin emerġenti u stabbiliti, din se tintuża bħala għodda ta' promozzjoni tal-letteratura Maltija f'fieri tal-kotba barra minn Malta; u r-rumanz *The Lives and Deaths of K. Penza*, traduzzjoni minn Albert Gatt ta' *Castillo* miktub minn Clare Azzopardi u ppubblikat minn Merlin Publishers.

F'Diċembru l-KNK irċieva l-aħbar li Praspar Press huma l-finalisti għal-Premju TA First Translation Prize (Society of Authors) bħala tim ta' traduttriċi-editriċi għal *what it takes for me to leave* ta' Loranne Vella, tradott mill-Malti minn Kat Storace u editjat minn Jen Calleja.

Ix-xogħol tal-KNK kompla fl-Italja, permezz tat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' żewġ kotba għat-tfal ippubblikati minn Verbavolant: *Mikelin* ta' Sandra Hili Vassallo u *Noè u l-Iskojjattlu bla Kwiet* ta' Leanne Ellul u Stephanie Bugeja. Iż-żewġ kotba ġew tradotti minn Virginia Monteforte. Il-kotba tnedew fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb waqt avveniment imtellgħa mill-Istituto Italiano di Cultura.

## Xogħol fuq it-traduzzjoni ta' Dun Karm għaċ-Ċiniż

Fl-2017 il-KNK għamel wegħda elettorali li għażla estensiva tal-poeżija ta' Dun Karm tiġi tradotta u ppubblikata f'ħames lingwi: l-Ingliż, it-Taljan, l-Għarbi, ir-Russu u ċ-Ċiniż. Kull kollezzjoni ppubblikata tinkludi t-traduzzjoni ta' 39 poeżija magħżula li jipprovdu rappreżentazzjoni tal-korp ta' xogħol Dun Karm, u magħhom l-aktar poeżija rinomata *Il-Jien u Lil hinn Minnu*, flimkien ma' introduzzjoni u kummentrarju kritiku. It-traduzzjonijiet għall-Ingliż, it-Taljan, l-Għarbi u r-Russu diġà saru u qegħdin f'idejn il-KNK, u f'Diċembru tal-2021 ġie ffirmat kuntratt għal traduzzjoni għaċ-Ċiniż Mandarin.

Sena wara li beda x-xogħol fuq il-verżjoni Ċiniża, ħafna mill-poeżiji magħżula jinsabu fi stadju avvanzat ta' traduzzjoni, waqt li baqa' aktar xogħol fuq oħrajn rigward skemi ta' ton, u diffikultajiet lingwistiċi u idjomatiċi minħabba d-differenza bejn il-lingwa sors u l-lingwa laqqiegħa. Il-poeżiji ta' Dun Karm qed jinqalbu b'għajn fuq ir-ritmi tal-poeżija ettasillabika, li kienet tipika matul id-dinastija Tang fiċ-Ċina.



Rappreżentanti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb flimkien ma' delegati internazzjonali fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ISBN f'Oslo

# *Il-Produzzjonijiet Awdjoviżivi*



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, fl-impenn tiegħu li jwassal il-ktieb Malti, l-awturi, l-illustraturi u l-pubblikaturi tagħhom lill-pubbliku, kompla jinvesti f'diversi produzzjonijiet awdjoviżivi u kkollabora ma' kumpaniji tal-midja lokali fuq firxa ta' kampanji promozzjonali. Fl-2022 dawn ikkonsistew f'poddati awdjoviżivi ta' kull ġimgħa, trailers ta' videos ta' kotba, reċensjonijiet ta' kotba permezz ta' videos, kif ukoll filming dirett tal-avvenimenti ewlenin imtellgħin matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Ma' dawn ġie kkummissjonat film biex tiġi ċċelebrata Rena Balzan, rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura. Dawn kollha huma disponibbli fuq is-sit, il-kanal YouTube u l-pjattaformi tal-midja soċjali tal-KNK.

## Kampanja Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021

Matul is-sena xxandru 15-il trailer marbuta mal-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021. Dawn ixxandru fuq il-mezzi soċjali ta' *Malta Today* u l-*Illum*, kif ukoll tal-KNK, u kellhom suċċess kbir b'aktar minn 200,000 isegwuhom.

Dawn it-trailers intużaw ukoll fuq l-istazzjonijiet tal-televiżjoni lokali TVM, One u Net f'kampanja ta' intervisti fuq programmi popolari mar-rebbieħa matul l-iskeda tas-sajf, sponsorizzata mill-KNK.

Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb il-KNK wera għall-ewwel darba dokumentarju qasir dwar Rena Balzan. Il-film sar minn Nest Creative u kien ikkummissjonat mill-KNK sabiex tiġi ċċelebrata din l-awtriċi li rebħet il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura fl-2021.

## Markapaġna

Matul l-2022 il-KNK nieda l-ewwel serje ta' għaxar poddati awdjoviżivi Markapaġna f'kollaborazzjoni ma' *Malta Today*. Din l-ewwel serje laqqgħat lil Luke Galea, bħala l-intervistatur residenti, ma' awturi u riċerkaturi diversi li għandhom sehem fid-dinja tal-kotba Maltija. L-intervista ħadet il-forma ta' konverżazzjoni bejn Galea u l-mistednin tiegħu fuq xogħol letterarju partikolari Malti li baqa' f'moħħ il-mistednin. Ġew diskussi l-karatteristiċi ewlenin tax-xogħol magħżul, l-influwenza li ħalla fuqhom, il-marka li ħalla fuq xogħlijiet letterarji oħra li segwew, id-diwi soċjali tiegħu, u l-kuntest flimkien mal-istorja li dan ix-xogħol inkiteb u hu mdawwar bihom.

Kull episodju ta' Markapaġna xxandar b'mod esklussiv kull nhar ta' Tlieta fis-6pm fuq il-kanal ta' YouTube tal-KNK kif ukoll fuq is-siti u l-paġni Facebook tiegħu flimkien ma' dawk tal-*Malta Today*. L-ewwel poddata xxandret fit-13 ta' Settembru. Kull poddata għadha disponibbli fuq il-mezzi soċjali msemmija, kif ukoll fuq Spotify u Apple Podcasts.

It-tieni serje ta' din il-produzzjoni se tkun imsejsa fuq l-istess karatteristiċi, se terġa' tibda f'Jannar tal-2023, u se tiġi ppreżentata minn Rachel Baldacchino.

## Lovin Book Reviews

Il-KNK ilu jaħdem ma' *Lovin Malta* minn April tal-2021 b'kampanja fuq il-mezzi soċjali jisimha Lovin Book Reviews, li laqqgħet lill-pubbliku ma' ktieb ġdid minn Malta kull ġimgħa. Fit-tieni serje tal-kampanja, magħmula minn 25 filmat qasir ta' minuta, awturi, tradutturi, illustraturi u pubblikaturi qasmu mal-pubbliku ktieb partikolari ppubblikat f'Malta li misshom, u li għalhekk iħossu li jistħoqqlu jinqara minn udjenza usa'.

*Il-KNK kompla jinvesti f'għadd ta' produzzjonijiet awdjoviżivi u kkollabora mad-djar tal-midja lokali fuq diversi kampanji promozzjonali*

## Il-Poddata ta' Jon Mallia

Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ixxandret live għall-ewwel darba poddata minn Jon Mallia. Matul din il-poddata, Mallia intervista għadd ta' awturi u membri mill-pubbliku ġenerali dwar ir-relazzjoni tagħhom mal-kotba, l-għarfien u l-kultura. L-intervisti damu kwarta, u seħħew eżatt f'waħda miż-żewġ daħliet tal-Festival.



Jon Mallia jintervista lil Trevor Żahra waqt poddata live



Ramona Depares fuq Lovin Malta Reviews




Luke Galea u Noah Fabri waqt diskussjoni fuq Markapaġna

# Il-Konkorsi Letterarji





## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

Fl-2022 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tella' r-raba' edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef, konkors li għandu l-għan li jsaħħaħ il-livell tal-kitba poetika f'Malta u fl-istess ħin jiċċelebra u jippromwovi l-poeżija miktuba bil-Malti. F'Ġunju tal-2022, infetaħ dan il-konkors b'sejħa għal poeżija oriġinali bil-Malti. Is-sejħa speċifikat li l-parteċipanti setgħu jressqu poeżija waħda biss, ta' mhux aktar minn 36 vers u permezz ta' psewdonimu, u b'hekk ġiet aċċertata evalwazzjoni anonima.

Is-sejħa twieġbet minn 80 parteċipant, tkabbir konsiderevoli fuq il-50 tas-sena preċedenti, xhieda tal-prestiġju dejjem jikber ta' dan il-konkors. Ir-rebbieħa tħabbru nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru waqt avveniment speċjali fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, ippreżentat minn Mariele Żammit.

It-tielet post intrebaħ minn Miriam Calleja permezz ta' 'Kamra żgħira, xi mkien'; it-tieni post minn Jasmine Bajada permezz ta' 'Mużew tal-Istorja Naturali, l-Imdina'; u l-ewwel post minn Therese Pace permezz ta' 'Fuq l-Aġenda tal-Għajn ta' Doreen'.

Għal din l-edizzjoni l-ġurija magħżula mill-KNK kienet magħmula minn Profs Rena Balzan, Profs Norbert Bugeja u Glen Calleja. Fuq il-poeżija rebbieħa kkummentaw li għandha oriġinalità li tinħass minn kif ġiet imqassma mal-medda tal-jum, u li permezz tar-riferenzi diretti ta' Pace għal ħajjet u xogħol il-poeta Doreen Micallef, inħolqu sensiela ta' xbihat komposti f'qafas samm u konsistenti. L-evalwazzjoni saret fuq ħames kriterji: l-oriġinalità, it-teknika, il-forma, l-għażla tal-kliem u l-impressjoni tal-qarrejja.

Is-sejħa għat-tressiq ta' poeżiji ġodda għall-edizzjoni li jmiss se tinfetaħ f'Ġunju tal-2023.

## Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ nedew edizzjoni mġedda tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ.

Dan il-konkors għandu l-għan li jintgħażlu, jiġu ppremjati u jkunu ppubblikati rumanzi bil-Malti mmirati direttament għaż-żgħażagħ ta' bejn 13 u 18-il sena. Dawn ir-rumanzi għandhom jesploraw id-dinja taż-żgħażagħ tal-lum, b'dak kollu li din il-fażi tal-ħajja ġġib magħha, u b'hekk l-istess żgħażagħ ikunu jistgħu jirrelataw magħhom. Il-manuskritti għandhom joffru letteratura innovattiva mingħajr ma jaqgħu f'lehmiet didattiċi jew tonijiet moraleġġjanti.

Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rebbieħa jkunu ż-żgħażagħ li quddiemhom tiġi ppreżentata għażla usa' ta' kotba adattati għalihom li jistimulawhom u joffrulhom esperjenza sabiħa u ġdida ta' qari. L-għan ta' dan il-konkors huwa li jinstiga letteratura Maltija aktar stimulanti u li tinvolvi lill-qarrejja f'suq li għandu għal qalbu liż-żgħażagħ, u li jfakkarhom fis-seħer tal-qari.

L-applikanti eliġibbli għandhom ikollhom

*Il-Kunsill jorganizza diversi konkorsi letterarji, bil-għan li jippromwovi l-kitba u eventwalment il-pubblikazzjoni ta' letteratura Maltija ta' kwalità*






Lon Kirkop, ir-rebbieħ tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ




Mark Camilleri ma' Therese Pace, ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

20 sena jew aktar. Il-manuskritt għandu jkun rumanz oriġinal ta' bejn 20,000 u 25,000 kelma mmirat għaż-żgħażagħ. Għandu jkun ukoll oriġinali, innovattiv u frisk. L-applikanti jridu jressqu wkoll sinopsi fuq il-manuskritt ta' mhux aktar minn 500 kelma. Sabiex tiġi assigurata evalwazzjoni anonima u li ħadd ma jkollu ebda vantaġġ jew żvantaġġ, il-manuskritti jridu jiġi mressqa permezz ta' psewdonimu. L-applikant rebbieħ jingħata premju ta' €1,000, ċertifikat u trofew kommemorattiv. Il-manuskritt rebbieħ jiġi ppubblikat minn pubblikatur identifikat mill-kittieb rebbieħ u jitqassam fil-ħwienet ewlenin.

Il-KNK se jaħtar tliet evalwaturi biex jevalwaw ix-xogħol imressaq. Kull evalwatur se jagħmel dan b'mod indipendenti. Dan jiġi segwit minn diskussjoni bejn l-evalwaturi mmexxija minn chairperson maħtur mill-KNK. Se jinkiteb rapport fuq kull manuskritt li jintbagħat lill-applikanti.

Waqt li fl-2022 ma ħarġet ebda sejħa għal dan il-konkors, is-sejħa għall-edizzjoni tal-2023 hija skedata li tiġi ppubblikata fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar.

## L-Irtir tal-Kittieba fl-Iżlanda

Il-KNK jappoġġja lir-rebbieħa tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ u lil kittieba emerġenti billi jibgħathom fl-Irtir tal-Kittieba fl-Iżlanda (Iceland Writers Retreat – IWR). Fl-2022 il-KNK appoġġja l-parteċipazzjoni ta' Lon Kirkop.

# *Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus*



Fl-2022 il-Festival Kampus Kotba reġa' ttella' fil-kampus innifsu lil hinn mill-mezzi teknoloġiċi kif ittella' fl-2021 minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19. Il-Festival ittella' fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta bejn nhar l-Erbgħa, 23 u nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu.

Kampus Koba huwa sforz kollaborattiv mal-pubblikaturi lokali, dipartimenti tal-Università ta' Malta u organizzazzjonijiet studenteski, u jinkludi preżentazzjonijiet ta' kotba, diskussjonijiet tematiċi u intervisti bil-parteċipazzjoni ta' kittieba u riċerkaturi lokali u internazzjonali. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-Festival huwa li jwassal l-istess esperjenza tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, minkejja li fuq skala iżgħar, lill-istudenti u letturi universitarji, u li jservi ta' spazju għal skambju ta' ideat bejn studenti, akkademiċi, kittieba u pubblikaturi.

L-għan ewlieni ta' dan il-Festival jibqa' l-promozzjoni ta' kull forma ta' letteratura, Melitensia, u xogħlijiet ta' riċerka, billi jipprovdi pjattaforma lill-pubblikaturi lokali mnejn jistgħu ibigħu u jippromwovu l-pubblikazzjonijiet tagħhom.

Jan Carson, kittieba Irlandiża u rebbieħa tal-Premju tal-Letteratura għall-Unjoni Ewropea (EUPL), kienet il-mistiedna internazzjonali ewlenija tal-edizzjoni tal-2022. Carson hija kittieba u faċilitatriċi fl-arti komunitarja bbażata f'Belfast, l-Irlanda ta' Fuq. Kien ir-rumanz tagħha *The Fire Starters* (Doubleday) li rebaħ il-EUPL tal-2019 għall-Irlanda. L-istess rumanz rebaħ ukoll il-Premju Kitschies għall-Finzjoni Spekulattiva tal-2020 u wasal sal-lista finali tal-Premju tal-Ktieb Dalkey tal-2020. Carson rebħet il-kompetizzjoni Harper's Bazaar għan-novelli tal-2016 u kienet fil-lista finali tal-Premju Nazzjonali tan-Novella tal-BBC (2020), il-Premju Sean O'Faolain tan-Novella (2016) u l-Premju Novella tas-Sena Post-Irlandiża (2021). L-aħħar rumanz ta' Carson, *The Raptures* ġie ppubblikat minn Doubleday fil-bidu tal-2022. Iż-żjara ta' Carson kienet kosponsorjata minn Creative Europe Desk – Malta.

Flimkien ma' Carson il-Festival stieden lir-rebbieħa tagħna stess tal-EUPL Lara Calleja, li hija l-awtriċi tal-ġabra ta' novelli *Kissirtu Kullimkien* (Merlin Publishers, 2020) u tar-rumanz *Lucy Min?* (Merlin Publishers, 2016).




It-tinda ta' Kampus Kotba fil-kwadranglu tal-Università

*Fl-2022 irritorna l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, wara li dak tal-2021 sar kollu kemm hu online minħabba l-Covid-19*




Kampus Kotba jsir kull sena u fih issib pubblikaturi Maltin taħt saqaf wieħed

Jan Carson, il-mistiedna internazzjonali tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2022



Calleja hija wkoll ir-rebbieħa tal-Premju għall-Aħjar Awtriċi Emerġenti. Fl-2021, Calleja rebħet ukoll il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għan-novelli permezz tal-aħħar xogħol tagħha.

Għal din l-edizzjoni pparteċipaw 12-il esebitur: Faraxa Publishing, Horizons, Kite Group, Merlin Publishers, Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Marvellous Malta, Malta University Press, Mallia & D'Amato Booksellers, Inizjamed, Għaqda tal-Malti – Università, Malta Libraries, u Creative Europe Desk Malta. Il-kollaboraturi kienu DESA (Department of English Students' Association), HoASA (the History of Art and Fine Arts Students' Association), SPS (Students' Philosophical Society), u Studenti Graffitti. Ikkontribwixxew ukoll id-dipartimenti tal-Filosofija; tal-Malti; tal-Ingliż; tat-Traduzzjoni, Terminoloġija u Studji tal-Interpretazzjoni; u tal-Intelliġenza Artifiċjali.

# *Inizjattivi Oħra*



Parti konsiderevoli tax-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb matul is-sena tikkonsisti f'inizjattivi varji (li jinkludu kampanji promozzjonali ad-hoc u donazzjonijiet ta' kotba) u xogħol istituzzjonali (li jinkludi laqgħat konsultattivi u surveys tal-industrija) skont l-avviż legali.

## Laqgħat ta' konsultazzjoni u xogħol leġiżlattiv

Fi Frar il-KNK tella' l-ewwel laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awturi u l-pubblikaturi. Din saret online minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19. Il-laqgħa attirat attendenza tajba, u daret madwar il-postmortem tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021, waqt li ġabret ukoll suġġerimenti għall-2022. Ġew diskussi wkoll il-bidla fid-dati tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tal-2022; il-proċess ġdid tal-ISBN; u l-kalendarju ta' avvenimenti għall-2022.

L-awturi u l-pubblikaturi qablu li ċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tittella' xahar qabel, waqt li diversi awturi ssuġġerew li din ma tittellax taħt l-awspiċi tal-Prim Ministru ta' Malta. Il-KNK wiżen dawn is-suġġerimenti u fil-fatt iċ-ċerimonja tal-2022 ittellgħet f'MUŻA, il-Belt Valletta f'Novembru.

Il-KNK kompla x-xogħol leġiżlattiv tiegħu għal tnaqqis fir-rata ta' taxxa fuq id-dħul mid-drittijiet għall-awturi u koawturi. Dan ix-xogħol beda fl-2020, u rriżulta fi tnaqqis tar-rata minn 18% għal 15%. Fl-2022 saret aktar pressjoni, u fil-Baġit tal-2023 tħabbar li t-taxxa tnaqqset bin-nofs għal 7.5%. L-impenn tal-KNK huwa li jkompli d-djalogu mal-Gvern sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' 'ebda taxxa fuq id-dħul mid-drittijiet għall-awturi.'

## Iż-żieda fil-prezz tal-karta tolqot lill-pubblikaturi

F'nofs Ġunju l-KNK ġie avviċinat minn xi pubblikaturi b'referenza għall-assistenza finanzjarja governattiva ta' €500,000 imwiegħda lill-pubblikaturi tal-gazzetti. Minn dakinhar, il-Kap Eżekuttiv tal-KNK, Mark Camilleri, flimkien ma' rappreżentanti tal-pubblikaturi, kellu laqgħat mal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-On. Clifton Grima fuq il-kwistjoni.

Il-KNK reġa' ltaqa' mal-pubblikaturi f'Ottubru waqt laqgħa li saret fl-uffiċċji f'Pembroke, fejn inqabel li l-KNK għandu jibqa' jinsisti għal għajnuna simili. Il-pubblikaturi rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb esprimew it-tħassib tagħhom waqt id-diskors qasir matul iċ-ċerimonja tal-4 ta' Novembru, bis-Segretarju Permanenti għal-Ministru tal-Edukazzjoni, Matthew Vella, iwiegħed li se jiżen it-tħassib tagħhom.

## Xogħol ta' restawr fil-Palazzo tal-KNK fil-Belt Valletta

Il-KNK kompla bis-superviżjoni tax-xogħlijiet li saru għar-riġenerazzjoni tal-palazz barokk tas-seklu 16 allokat għalih biex jiġi kkonvertit għal mużew tal-letteratura, ħanut tal-kotba li se jservi bħala aġent kulturali, u l-uffiċċju ewlieni tal-KNK.

Fl-2022 bdew xogħlijiet ta' restawr fuq il-ħitan u s-soqfa li huma mpittra internament. Dan ix-xogħol segwa x-xogħlijiet li saru fl-2021 fuq ir-restawr tal-ġebla tal-faċċati li jagħtu għat-

*Parti konsiderevoli tax-xogħol tal-KNK matul is-sena tikkonsisti f'inizjattivi varji (li jinkludu kampanji promozzjonali ad-hoc u donazzjonijiet ta' kotba) u xogħol istituzzjonali*

Dettall mir-restawr tat-tpinġijiet tal-ħajt intern tal-Palazz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fi Triq Zekka



triq u l-bitħa interna. Il-kumpanija mqabbda għar-restawr ta' dawn il-pitturi hija Recoop. Il-fażi ta' restawr tal-injam u l-ġebla ngħalqet, u l-proġett se javvanza lejn il-bidu ta' xogħlijiet strutturali wara l-pubblikazzjoni ta' tender dedikat għal dan ix-xogħol, ippjanat li jiġi ppubblikat f'Marzu tal-2023. Il-pubblikazzjoni ta' dan it-tender jiddependi fuq l-allokazzjoni tal-fondi. Il-pjanijiet għax-xogħlijiet lil hinn mill-pubblikazzjoni tat-tender tax-xogħlijiet strutturali jiddependu fuq l-allokazzjoni tal-fondi.

## Il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR)

L-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR), li tkopri l-pagamenti lill-awturi fuq bażi ta' self ta' kotba tagħhom mil-libreriji pubbliċi f'Malta u Għawdex u l-librerija tal-Università ta' Malta, ġiet amministrata mill-KNK. Il-pagamenti lill-awturi rreġistrati marbuta mal-libreriji pubbliċi, li ġiet introdotta fl-2014, inħarġu kull tliet xhur tas-sena, waqt li l-pagamenti għall-iskema ġdida marbuta mal-librerija tal-Università ta' Malta, introdotta fl-2021, inħarġu darba fis-sena.

Il-PLR tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet (awturi, illustraturi, tradutturi, edituri u fotografi) jibbenefikaw minn pagamenti meta l-pubbliku jissellef il-kotba tagħhom minn xi librerija pubblika jew dik tal-Università ta' Malta. L-2022 rat żieda fl-għadd ta' awturi rreġistrati f'din l-iskema, u għalhekk il-KNK ipprova jaħdem għal żieda fis-somma annwali li bħalissa hija ta' €60,000, iżda sfortunatament din iż-żieda kellha tiġi posposta minħabba tnaqqis fil-budgets għall-entitajiet governattivi kollha.

## It-tieni sena ta' pagamenti tal-Education Exception

Fl-2022, sentejn wara l-iffirmar tal-kuntratt tal-Education Exception bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Malta Reprographic Rights Organisation (MRRO) u l-KNK, 15-il entità tal-pubblikazzjoni rreġistrata bbenefikaw minn dan il-fond għat-tieni sena konsekuttiva. Skont l-imsemmi kuntratt, il-KNK huwa l-entità responsabbli biex jgħaddi l-fondi lill-MRRO li min-naħa tagħha tqassamhom lill-pubblikaturi u awturi liċenzjati fl-iskema. L-għan ta' dan il-kuntratt huwa li jipprovdi lid-detenturi tad-drittijiet b'pagamenti għad-drittijiet tagħhom għall-użu tax-xogħol ippubblikat tagħhom fis-sistema edukattiva pubblika u tal-Knisja; jassigura konformità mad-Direttiva tas-Suq Uniku Diġitali tal-UE. Dan iwaqqaf it-termini li fuqhom l-MRRO tagħti liċenzja lill-entitajiet edukattivi f'Malta biex jirriproduċu siltiet minn materjal pubblikat li tiegħu jeżistu d-drittijiet. Il-KNK iħeġġeġ aktar entitajiet tal-pubblikazzjoni biex jirreġistraw għal dan il-fond, billi jibagħtu email lil mrro.malta@gmail.com.

## Survey mal-Entitajiet ta' Pubblikazzjoni u d-Database tal-ISBN

F'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), il-KNK temm b'suċċess it-tnedija tat-tieni survey dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni f'Malta għas-sena 2021. L-informazzjoni maħruġa mill-istqarrija għall-istampa tal-NSO nkisbet permezz ta' survey li sar fost il-pubblikaturi attivi kollha f'Malta u Għawdex fl-2021. L-awtopubblikaturi, il-gazzetti u r-rivisti kienu esklużi minn dan is-survey li tnieda f'Marzu tal-2022 u li l-istħarriġ tiegħu tlesta f'Ġunju tal-istess sena. L-għadd ta' entitajiet ta' pubblikazzjoni għal dan il-perjodu mistħarreġ kien 53, u nkiseb rispons ta' 79.2%.

Is-survey tal-NSO pprovda lill-KNK data attwali li għandha tgħinu jaħdem fuq proposti ta' politiki u bidliet integrali, li għandhom iwasslu biex fit-tul taż-żmien il-KNK ikun jista' jappoġġja lill-partijiet ikkonċernati kollha fl-industrija tal-ktieb. B'mod partikolari r-riżultati ppermettew għal kontroverifika tal-għadd tal-kotba ppubblikati ma' dak tal-ISBNs maħruġa. Dan wera li matul l-aħħar snin il-komunità tal-awtopubblikazzjoni f'Malta kibret esponenzjalment, partikolarment fl-2020, u li kien hemm żieda fl-għadd ta' ISBNs maħruġa, u għalhekk jista' hemm bżonn ta' qafas regolatorju ieħor biex ikunu jistgħu jiġu analizzati r-riżultati tas-survey, jiġu ffiltrati l-ISBNs maħruġa mill-KNK, u dawn il-figuri jiġu kkomparati ma' dawk tal-kotba li qegħdin attwalment għall-bejgħ fil-ħwienet tradizzjonali jew online.

Bħalissa d-data ta' ISBNs koperta fis-survey tal-NSO ma tistax titqabbel ma' rekords oħra nazzjonali u rreġistrati uffiċjalment, inkluż id-database tal-ISBN tal-KNK. Din tal-aħħar tista' tinkludi ISBN uniku għal kull forma ta' edizzjoni ta' titlu ta' ktieb ippubblikat; ISBN uniku għall-istess titlu ta' ktieb meta ppubblikat f'lingwi differenti; u ISBN uniku għat-titlu tal-ktieb f'edizzjoni hardback u ieħor għall-istess titlu f'edizzjoni paperback, fejn applikabbli.

Kollox ma' kollox, il-pubblikaturi u l-bejjiegħa tal-kotba ntlaqtu mill-miżuri u restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Fl-2020, il-Festival

Nazzjonali tal-Ktieb ittella' online, u fl-2021 ittella' b'restrizzjonijiet sinifikanti. Għalhekk id-dħul għal dawn is-sentejn jistgħu biss jitqabblu b'mod konservattiv mal-figuri tal-2019. L-illaxkar tar-restrizzjonijiet tal-pandemija rriżulta f'żieda relattiva fi dħul ġenerat minn ħwienet tradizzjonali. Ikkomparat mas-sena preċedenti, id-dħul minn ħwienet tradizzjonali żdied minn 59.5% għal 67.9%. L-infografika turi xi sejbiet saljenti mis-survey tal-entitajiet tal-pubblikazzjoni tal-2021.

## Il-marketing u l-midja soċjali

Il-midja soċjali hija mezz ewlieni għall-KNK biex jikkomunika u jilħaq lill-pubbliku biex joħloq għarfien fuq pubblikazzjonijiet tal-Kunsill kif ukoll pubblikazzjonijiet riċenti, klassiċi tal-letteratura Maltija, tendenzi tal-industrija tal-kotba u aktar.

Fost il-kampanji, il-KNK tella' kompetizzjonijiet, iffinanzja kampanji awdjoviżivi biex jippromwovi lir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kif ukoll tella' kampanja fuq il-midja soċali tiegħu li ffokat fuq kotba li waslu sal-lista finali tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Terramaxka. Il-KNK investa wkoll f'inizjattivi ta' reċensjonijiet letterarji, u beda kampanji ta' marketing immirati lejn il-promozzjoni tal-qari u l-letteratura Maltija.

Fl-2022, wara t-tressiq ta' tender għal provvediment ta' brand u l-ġestjoni tad-disinn u l-marketing, il-KNK daħal fi ftehim mal-offerent rebbieħ Noċemuskata, għal sentejn li bdew minn Settembru tal-2022. Noċemuskata hija kumpanija ta' komunikazzjoni u relazzjonijiet pubbliċi li tispeċjalizza fl-arti u l-industrija kreattiva.

## Il-paġna letterarja ta' kull nhar ta' Ħadd

Matul l-2022 il-KNK kompla jisponsorja paġna letterarja ta' kull ġimgħa ppubblikata fuq il-gazzetta bil-Malti *Illum* li toħroġ kull nhar ta' Ħadd. Din il-paġna tidher ukoll fuq is-sit tal-istess gazzetta. Din hija spazju ddedikat



## *Punti Ewlenin mis-Survey mal-Entitajiet ta' Pubblikazzjoni* **2021**

### Għadd ta' ISBNs maħruġa

2019 891
2020 1134
2021 1415

**1229**
2022

### Medja tat-tiratura

| | 2019 Kum. | 2019 Edu. | 2020 Kum. | 2020 Edu. | 2021 Kum. | 2021 Edu. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Żgħar (0 - 3 ISBNs) | 505 | 116 | 470 | 80 | 473 | 104 |
| Medji (4 - 10 ISBNs) | 491 | 89 | 320 | 149 | 544 | 213 |
| Kbar (11+ ISBNs) | 683 | 830 | 615 | 780 | 707 | 600 |

### ISBNs maħruġa fl-2021

*528 minn 1415* lil entitajiet tal-pubblikazzjoni attivi

*701 minn 1415* lil oħrajn, fosthom kittieba awtoppubblikati

| | 2021 | 2020 | 2019 |
|---|---|---|---|
| Kotba mitbugħa | 418 | 429 | 557 |
| e-books | 146 | 171 | 128 |

### Lingwi



Għadd ta' entitajiet ta' pubblikazzjoni skont is-sena u l-lingwa

*84.7%*
**tal-ISBNs ġodda nħarġu lil entitajiet bi 11-il ISBN ġdid jew aktar**

*>79.2%*
**tal-pubblikaturi involvew 3 edituri jew inqas fl-2021**

### Dħul

*68.1%*
**bejgħ ta' kotba kummerċjali**

*86.1%* **kotba mitbugħa**

*13.9%* **kotba diġitali**



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta ammont sostanzjali ta' kotba lil-librerija tal-Ambaxxata ta' Malta fi Brussell

Id-donazzjoni ta' kotba lil Malta Libraries fil-Jum Dinji tal-Ktieb u l-Jeddijiet, u Jum il-Librerija




għal temi letterarji. Hija waħda minn uħud li jiġu ppubblikati u tinkludi riċensjonijiet ta' pubblikazzjonijiet ġodda, tinvolvi ruħha fid-dibattiti kurrenti internazzjonali u lokali u tinkludi intervisti ma' awturi lokali. Fl-2022 Mark Vella kien il-kontributur ewlieni ta' din il-paġna.

## Donazzjonijiet ta' kotba

Matul is-sena, bħala parti mill-pjan tiegħu li jippromwovi l-pubblikazzjonijiet lokali u f'konformità mal-missjoni tiegħu li jagħmel il-kotba u l-qari aktar aċċessibbli għal setturi differenti tal-pubbliku f'Malta u l-komunitajiet Maltin f'dijaspora, il-KNK għamel diversi donazzjonijiet ta' kotba.

Fl-2022 il-KNK ta kotba lill-Ambaxxata Maltija fil-Belġju għall-ftuħ ta' librerija ddedikata lill-Maltin li jgħixu fi Brussell. Donazzjoni oħra ta' kotba ngħatat ukoll lill-Ambaxxata Maltija fl-Emirati Għarab Magħquda, liema donazzjoni tpoġġiet fil-Librerija Mohammed Bin Rashem. Din il-librerija għandha l-għan li ssir sors reġjonali ta' materjal għall-qari minn madwar id-dinja.

Il-kollaborazzjoni bejn il-KNK u l-Malta Libraries ilha għaddejja żmien twil, u din is-sena l-KNK żammha għaddejja billi għamel donazzjonijiet ta' kotba oħra sabiex il-libreriji pubbliċi jkunu fornuti bl-aħħar pubblikazzjonijiet tal-pubblikaturi lokali. Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb, u eżattament qabel il-Milied fix-xahar ta' Diċembru, il-KNK għamel donazzjoni ta' numru konsiderevoli ta' kotba li jvarjaw minn rumanzi, novelli, poeżija, drama, letteratura mhux fittizzja u traduzzjonijiet sa kotba tat-tfal, kotba ta' riċerka u akkademiċi. Min-naħa tagħhom, Malta Libraries qassmet dawn il-kotba mal-librerija mifruxa f'Malta u Għawdex.

## Inwieżnu lill-illustraturi tal-kotba u d-disinjaturi grafiċi

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sponsorja t-tieni volum tal-*Malta Illustration Annual*, proġett tal-Komunità Maltija tal-Illustraturi

Illustrazzjonijiet ta' Gattaldo għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 u l-esebizzjoni *From Illustration to Book*



Il-markapaġna mqassma waqt il-konferenza 'The Child and the Book' li ttellgħet f'Mejju




Il-qoxra tat-tieni edizzjoni ta' 'MCOI Malta Illustration Annual', b'illustrazzjoni ta' Francisca Alvarez




L-isfida ta' qari mill-iskola San Anton approvata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għat-tieni sena konsekuttiva




(MCOI), li kien imwieżen ukoll minn MCAST Research fl-2022. L-irwol tal-MCOI huwa li tlaqqa' flimkien u tippromwovi l-illustraturi professjonali, li tixpruna l-użu tal-illustrazzjonijiet bħala għodda effettiva ta' komunikazzjoni, u li teduka fuq is-suġġett. L-Annwal tnieda waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, u joffri lill-pubbliku spettru wiesa' ta' illustrazzjonijiet mill-qasam tal-pubblikazzjoni u dawk kummerċjali, u oħrajn maħdumin fuq inizjattiva personali. L-illustrazzjonijiet intgħażlu minn bord ta' aġġudikanti distinti (Katie Chappell, Mark Scicluna u Julian Mallia). Ix-xogħlijiet ta' Gattaldo, li kien mistieden speċjali fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, dehru fl-Annwal ma' għoxrin xogħol ieħor, li ħafna minnhom kienu parti mill-esebizzjoni *From illustration to Book*, organizzata mill-KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti.

## Il-Konferenza 'The Child and the Book'

Il-KNK appoġġja l-konferenza 'The Child and the Book' organizzata mid-Dipartiment tal-Ingliż tal-Università ta' Malta, imtellgħa bejn is-26 u t-28 ta' Mejju. Il-konferenza tnediet fl-Università Roehampton, fl-Ingilterra fl-2004, u minn dak iż-żmien 'l hawn ittellgħet f'diversi pajjiżi, waqt li għaqqdet flimkien skulari u studenti tal-letteratura għat-tfal u ż-żgħażagħ biex jaqsmu r-riċerka, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom.

It-tema ewlenija kienet 'The Role of the Child as Citizen: Constructing Childhood through Agency and Activism' (L-Irwol tat-Tfal bħala Ċittadini: il-Kostruzzjoni tat-Tfulija permezz tal-Aġenzija u l-Attiviżmu'), u esplorat l-opportunitajiet soċjali u kulturali kif ukoll id-diffikultajiet li t-tfal jaffaċċjaw fil-klima ta' bħalissa, u x'inhu l-irwol tar-rappreżentazzjoni tat-tfal, tal-letteratura u tal-ktieb fit-trawwim ta' sens ta' ċittadinanza, aġenzija u appartenenza tat-tfal.

## L-Isfida Msella

Għat-tieni sena konsekuttiva l-KNK approva 'L-Isfida Msella', sfida ta' qari mnedija mill-Iskola San Anton, li sfidat lill-istudenti biex jaqraw tliet kotba Maltin fi tliet xhur. L-isfida tkompli b'assenjamenti bħall-ħolqien ta' posters, proġetti ta' kitba kreattiva u trailers marbuta ma' dawn il-kotba. Ir-rebbieħa ta' dan il-konkors tħabbru waqt avveniment speċjali mtella' fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022.

# *Ir-Rapport Finazjarju*



## *Dħul*

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Bilanċ miġjub mill-2021 | | | |
| Kontanti | | | 459.79 |
| Bank | | | 811,164.31 |
| Fondi Governattivi (Rikurrenti) | | | 1,455,744.89 |
| Fondi Governattivi (Kapital) | | | - 100,000.00 |
| Miżati ta' Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | | | 15,136.70 |

## *Ħruġ* (1)

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | | | |
| Kuntrattur għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 86,145.90 | | |
| Inizjattivi Kulturali u spejjeż oħra | 105,741.82 | | |
| Kiri tal-MFCC għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 104,933.86 | 296,821.58 | |
| Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus | | 14,505.53 | |
| Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb | | | |
| Il-kiri tas-sala għaċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet | 826.00 | | |
| Trofej | 2,578.30 | | |
| Rebħ monetarju għall-Premji Nazzjonali tal-Ktieb | 77,300.00 | | |
| Miżati tal-Aġġudikanti | 15,100.00 | 95,804.3 | |

| **Kategorija** | **€** | **€** | **€** |
|---|---|---|---|
| Xiri ta' Kotba | | 45,057.28 | |
| Proġetti ta' Esportazioni Letterarja | | 37,027.69 | |
| Il-Fond għall-Adattament Ċinematografiku | | 100,000 | |
| Marketing | | 112,649.21 | |
| Programmi tar-Radju u t-TV | | 743.4 | |
| Attivitajiet Kulturali Oħra | | 5,595.12 | |
| Spejjeż Operazzjonali | | 24,433.47 | |
| Spejjeż tax-Xogħol | | 25,023.31 | |
| Għamara | | 1,830 | |
| Ħlasijiet Professjonali u Legali | | 39,776.15 | |
| Ħlasijiet ta' Sħubija | | 1,130 | |
| Konċessjonijiet għal Proġetti li jaqgħu taħt il-Fond Malti tal-Ktieb | | 124,013 | |
| Ħlasijiet għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) | | 54,663.76 | * |
| Spejjeż Oħra | | 1,261.68 | |
| Spejjeż tal-Bank | | 1,596.08 | |
| IR-RESTAWR TAL-PALAZZ (2) | | | |
| Xogħlijiet Restawrattivi | | 81,450.93 | |
| Bilanċ miġjub mis-sena | | | |
| Kontanti | | 401.24 | * |
| Bank | | 1,118,721.96 | * |
| | | | |
| | | 2,182,505.69 | 2,182,505.69 |

*Noti: (1) Infiq rikorrenti*
*(2) Infiq kapitali*
** Il-bilanċi pendenti huma kollha ppjanati biex jintefqu matul l-2023 u jinkludu l-iżborżar tal-allokazzjoni ta' €100,000 tal-Education Exception*

# *ISBN u ISMN*





| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-968-4 | Il-bagalja Lupu Lupettu supereroj | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trad.); Eléonore Thuillier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-969-1 | Nitgħallem il-ħin ma' Lupu Lupettu (board book) | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trad.); Eléonore Thuillier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-970-7 | Kollox jeħel magħna | Francesco Grech; Danielle Sant (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-971-4 | Il-ktieb tal-kliem maġiku u l-manjieri tajba | Tea Orsi; Rachel Portelli (trad.); Anna Pini (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-972-1 | Tikka Malti 4a (ed. aġġornata 2022) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-973-8 | Tikka Malti 4b (ed. aġġornata 2022) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-974-5 | Teleskopju 3 | Claudia Agius, Naomi Gatt (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-975-2 | Teleskopju 5 | Suzanne Wadge, Naomi Gatt (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-976-9 | Mibdul issue 1 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-977-6 | Mibdul issue 2 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-978-3 | Mibdul issue 3 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-979-0 | Mibdul issue 4 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-980-6 | Mibdul issue 5 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-981-3 | Mibdul issue 6 | Teodor Reljić; Inez Kristina (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-982-0 | Tikka Malti 2a (ed. aġġornata 2022) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-983-7 | Tikka Malti 2b (ed. aġġornata 2022) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-984-4 | Poetry 1 : Get ready for SEC English Literature | Doreen Spiteri, Jessica Buhagiar, Roberta Darmenia, Ilona Zammit | Merlin Publishers |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-985-1 | Poetry 2 : Get ready for SEC English Literature | Doreen Spiteri, Jessica Buhagiar, Roberta Darmenia, Ilona Zammit | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-986-8 | Poetry 1 & 2 : Get ready for SEC English Literature teachers' book | Doreen Spiteri, Jessica Buhagiar, Roberta Darmenia, Ilona Zammit | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-987-5 | Każ miftuħ : segwi l-indizji! | Àngels Navarro; Noel Tanti (adatt.); Jordi Sunyer (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-988-2 | Il-pirati 3 : Ġżira tassew misterjuża! | Juliette Parachini-Deny, Oliver Dupin; Mark Vella (trad.); Jérôme Pélissier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-989-9 | Il-pirati 4 : Ix-xini fantażma | Juliette Parachini-Deny, Oliver Dupin; Mark Vella (trad.); Jérôme Pélissier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-990-5 | Il-ħbieb tal-annimali : taqsima investigattiva 3 : Il-mohor midrub | Juliette Parachini-Deny, Oliver Dupin; Mark Vella (trad.); Ariane Delrieu (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-991-2 | Il-ħbieb tal-annimali : taqsima investigattiva 4 : Il-panda ċkejkna meħlus | Juliette Parachini-Deny, Oliver Dupin; Mark Vella (trad.); Ariane Delrieu (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-992-9 | Gażaża (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-993-6 | Għandek ngħas (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-994-3 | Ġisimna (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-995-0 | Ħriġna (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-996-7 | Il-Milied (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-997-4 | Isma' ftit (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-998-1 | Ma' sħabi (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-999-8 | Naħslu snienna (Għinni naqra) | Rachel Portelli | Merlin Publishers |
| 978-99909-44-88-4 | Sandōr : I-bniedem tal-kwartieri : rumanz storiku-bijografiku | Għabd il-Ħamid il-Fehri; Martin R. Zammit (trad.) | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-89-1 | Ħrejjef Maltin ta' Summe tal-1904 bit-test fonetiku u traduzzjoni paralleli | Lily Grima | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-85-72-6 | Maltese city facades (hbk.) | Charles Paul Azzopardi | Miranda Publishers |
| 978-99909-89-61-8 | National Commission for the Promotion of Equality annual report 2021 | National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) | National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-845-0 | Doqqu doqqu Milied Malti | Reno Saliba | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-846-7 | Meta tlaqt lil Adam | Elena Cardona | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-847-4 | Int se toħloq mill-ġdid : kif l-inġenjożità Iżraeljana qed ittejjeb id-dinja | Avi Jorisch | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-848-1 | Għonella : deconstructing the garment (hbk.) | Luke Azzopardi; Marija Grech (ritratti.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-849-8 | In the footsteps of Antonello da Messina : the Antonelliani between Sicily and Venice (hbk.) | Charlene Vella | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-850-4 | Teptipa ħsieb : ħallini naħseb u nikteb | Yvonne Vella; Sue Flask (ill.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
